# IL-BIJOĊIPPA, IL-“MARKA TAL-BHIMA”, L-ANTIKRIST, U L-BIBBJA




**George Ebejer**

# Il-Bijoċippa u l-"Marka tal-Bhima"

**<u>Rivelazzjoni 13:14-18</u>** – "[15]*U kien mogħti lilha li tagħti n-nifs lix-xbieha tal-bhima salvaġġa, biex tit-kellem ukoll ix-xbieha tal-bhima, u ġġiegħel li jinqatlu dawk kollha li ma jqimux ix-xbieha tal-bhima.* [16]*Hija ġġiegħel lil kulħadd, iż-żgħar u l-kbar, il-għonja u l-foqra, il-ħielsa u l-ilsiera, kul-ħadd* ***issirlu marka fuq idu l-leminija jew fuq ġbinu,*** [17]*U li ħadd ma jkun jista' jixtri jew ibigħ, ħlief dak li kellu l-marka, jew l-isem tal-bhima, jew il-għadd ta' isimha.* [18]*Hawn hu l-għerf. Min għandu d-dehen ħa jgħodd in-numru tal-bhima: għax hu n-numru tal-bniedem; u n-numru tiegħu hu* ***Sitt mija sitta u sittin***."

Jiena, George Ebejer, bħala għalliem tal-Kelma ta' Alla, qabel ma nibda din il-kitba tiegħi, inżomm f'moħħi dak li l-Kelma ta' Alla tgħid dwar min igħallem:

> "[1]*Ħuti, la ssirux ħafna minnkom għalliema,* ***għax tafu li aħna li ngħallmu <u>nkunu ġġudikati b'reqqa akbar</u>***." (**Ġakbu 3:1**).

Mela, jiena, bħala għalliem tal-Kelma ta' Alla, għandi nżomm f'moħħi kull ħin u kull mument, li l-interpretazzjonijiet u l-opinjonijiet tiegħi ma jiswew xejn.

Ebda porzjon ieħor tal-ktieb ta' Rivelazzjoni ma kien suġġett għal tant interpretazzjonijiet fantastiċi daqs kemm kien Rivelazzjoni 13:14-18.

Il-Ktieb ta' Rivelazzjoni kien miktub lil nies li kienu taħt persekuzzjoni tant kbira illi jekk huma jiftħu ħalqhom, u jistqarru li kienu Kristjani, kienu ċerti li se jgħaddu minn martirju.

Mela meta niġu għal dan il-ktieb, aħna għandna nżommu f'moħħna l-Kristjani li ***lilhom*** kien miktub. Jekk aħna naħsbu li dan il-Ktieb kien biss dwar profezija fil-futur, kif jaħsbu xi wħud, allura aħna għand-na nsibu fejn dan jintqal ċar lill-qarrejja tal-ewwel seklu. Huma kellhom jifhmu li meta jispiċċaw jaqraw dan il-ktieb, huma kienu jagħlquh u jgħidu, *aħna issa nafu li ma hemm xejn f'dan il-ktieb għalina, dan għandu jistenna aktar minn 2000 sena oħra għat-twettiq tiegħu, għaliex Alla kieku kiteb dan il-ktieb lin-nies li huma ħajjin illum, u ma qalx lil dawk il-qarrejja tal-ewwel seklu, li ħasbu li kien għalihom, allura Alla qarraq bihom.* Sakemm, naturalment, Alla poġġa fl-ittra, '*din l-ittra mhix għalikom*'.

L-uniku mod biex naqraw il-Ktieb ta' Rivelazzjoni huwa billi naqrawh minn fuq l-ispalla tal-Kristjani tal-ewwel seklu. Dan kien miktub għalina, biss, kif il-Kelma kollha ta' Alla kienet miktuba għalina. Aħna qatt ma nifhmuha sakemm ma nifhmux x'kienet tfis-ser għall-Kristjani tal-ewwel seklu.

Rivelazzjoni kien miktub b'ħafna simboli. Meta taqra dwar Ħaruf li kien maqtul, kulħadd jifhem li l-ħaruf hu Ġesù. Issa, jekk inti tuża dik l-istess loġika għal kull parti oħra ta' Rivelazzjoni, allura jkun ktieb sempliċi ħafna biex tifhmu.

Iżda, jekk aħna sejrin inħarsu lejn ktieb li kien miktub aktar minn 2,000 sena ilu, u ninterpretawh, kif qegħdin jagħmlu xi għalliema reliġjużi moderni, billi nħarsu lejn l-aħbarijiet jew lejn xi ġurnali tal-lum, aħna nkunu qegħdin sejrin lejn ħafna interpretazzjonijiet żbaljati. Eżempju riċenti hu fejn xi mexxejja reliġjużi, billi forsi ntqal li f'xi pajjiżi se jintroduċu l-bijoċippa fin-nies, kienu pronti biex iħabbru li dan huwa twettiq ta' dak li naqraw f'Rivelazzjoni 13:14-18. Imma fejn tissema fil-Bibbja kollha xi bijoċippa? Kienu l-Kristjani tal-ewwel seklu qatt semgħu biha? Imma billi f'dawn l-aħħar snin bdiet tissemma din il-bijoċippa, allura dawn l-għalliema reliġjużi moderni mill-ewwel applikawha għal dak li jintqal f'Rivelazzjoni 13. Qiegħed tara

għalfejn Alla ta' spiss fil-Kelma Tiegħu jwissina dwar profeti u għalliema reliġjużi foloz? (Mattew 7:15; 24:11, 24; Mark 13:22; 2 Korintin 11:13-14; 2 Pietru 2:1-3; 1 Ġwanni 4:1-2; eċċ.).

Alla għamel il-ktieb sempliċi, Hu poġġa l-ktieb fit-tmiem tal-Bibbja, jagħtina 65 ktieb li jiġu qablu, u mbagħad jimla l-aħħar ktieb b'ekujiet u illużjonijiet għal kull ktieb ieħor tal-Bibbja. Kważi kull vers tal-Ktieb ta' Rivelazzjoni għandu riferenza diretta jew implikata għall-parti oħra tal-Bibbja, u hekk kif inti tmur lura għal dik il-parti l-oħra tal-Bibbja, inti ssib is-simbolu.

Mela b'dan f'moħħna, ħalli nibdew naraw dwar it-tagħlim żbaljat għalkollox li xi għalliema reliġjużi moderni qegħdin igħallmu dwar il-'marka tal-bhima", il-bijoċippa, u l-antikrist.

**Il-Marka tal-Bhima hija *figurattiva* u mhux lette-rali kif xi għalliema reliġjużi qegħdin igħallmu llum!**

Il-marka tal-bhima mhijiex dwar soċjetajiet min-għajr flus jew 'microchips' fl-id jew fuq ġbin xi per-suna. Din hija dwar persekuzzjoni reliġjuża u qima lil Satana.

Jekk aħna nkunu lesti li nħallu l-Iskrittura tinter-preta lilha nfisha u mhux li nħallu xi mexxej reliġjuż jagħtina l-interpretazzjoni tiegħu, allura jiena ċert li ma jkollna l-ebda diffikultà biex nifhmu eżatt it-tifsira ta' dan il-kliem kif iridna li nifhmuha l-Ispirtu s-Santu.

Ħalli nħallu l-Kelma ta' Alla tinterpretalna hi dan il-kliem.

Skond il-maġġoranza tal-"għalliema tal-profezija" tal-lum il-'bijoċippa' hija aċċettata bħala li hija "l-Marka tal-Bhima." Hemm numru mhux ħażin ta' għalliema reliġjużi li qegħdin igħallmu dan it-tagħlim żbaljat u fostna wkoll qegħdin nisimgħu dan. Nies li ma jafux sewwa x'tgħid il-Kelma ta' Alla kif jisimgħu dan jaħsbu li dan hu minnu u jaċċettaw dak it-tagħlim b'għajnejhom magħluqa għaliex jaħsbu li bil-li min qiegħed igħallmu *jidher* li jkun jaf l-Iskrittura, allura dak ma jistax ikun fl-iżball. Dan hu żball kbir. Id-dmir ta' kull individwu hu li jagħmel dak li għamlu n-nies ta' Berea, jiġifieri, "*...laqgħu l-kelma bil-ħeġ-ġa kollha, u kuljum bdew iqallbu l-Iskrittura biex ja-raw jekk dawk il-ħwejjeġ kinux hekk*." (**Atti 17:11**).

Ħafna minn dawn "l-għalliema tal-profezija" moderni jieħdu l-aktar teknoloġija moderna u avvanzata, u ħafna drabi, huma "jgħawġu u jaqilbu" l-Iskrittura biex jagħmlu t-teknoloġija tal-lum taqbel mal-Iskrittura—meta dawn lanqas biss ma huma qrib xulxin.

Kif aħna nħarsu bit-talb fid-"dawl" tal-Iskrittura Mqaddsa, ħalli aħna dejjem inkunu attenti biex nevitaw it-tentazzjoni li nagħmlu l-Iskrittura *tgħid dak li aħna "rriduha" li tgħid*. Imma ħalli l-Iskrittura tit-kellem bħala "*hekk igħid il-Mul*ej."

## X'tgħid l-Iskrittura?

Kif aħna neżaminaw il-'bijoċippa' fid-dawl tal-Kelma Qaddisa ta' Alla, ħalli nżommu f'moħħna it-twissija tal-Mulej tagħna u Salvatur Ġesù Kristu:

"[24]*Wieġeb Ġesù, qalilhom:* ***Mhux għalhekk tiżbal-jaw, għax la tafu l-iskrittura, u lanqas is-setgħa ta' Alla?*** " (**Mark 12:24**).

It-talba tagħna hi: għinna, Mulej Ġesù, biex "inkunu nafu x'tgħid l-Iskrittura dwar il-marka tal-Bhima, u għalhekk ma nużbaljawx."

**X'tgħid l-Iskrittura dwar 666: Il-Marka tal-Bhima?**

**Mistoqsija**: "Id-deskrizzjoni tal-Mulej tal-Marka tal-Bhima taqbel mat-tqegħid tal-bijoċippa fil-ġisem tal-bniedem?"

Ħafna nies meta jeżaminaw in-numru 666, il-Marka tal-Bhima, jagħmlu **l-iżball serju** li jillimitaw il-ħsieb tagħhom biss għal Rivelazzjoni 13:16-18, imma l-**MARKA** tal-bhima hija msemmija **tmien** darbiet fil-ktieb ta' Rivelazzjoni:

Rivelazzjoni 13:16-18 – "[16]*Hija ġġiegħel lil kul-ħadd, iż-żgħar u l-kbar, il-għonja u l-foqra, il-ħielsa u l-ilsiera, kulħadd issirlu* ***MARKA*** *fuq idu l-leminija jew fuq ġbinu,* [17]*U li ħadd ma jkun jista' jixtri jew ibigħ, ħlief dak li kellu* ***l-marka, jew l-isem tal-bhima****, jew il-għadd ta' isimha.* [18]*Hawn hu l-għerf. Min għandu d-dehen ħa jgħodd il-għadd tal-bhima: għax hu l-għadd tal-bniedem; u l-għadd tiegħu hu Sitt mija sitta u sittin.*"

Rivelazzjoni 14:9 – "[9]*U ġie warajhom it-tielet anġlu, igħid b'leħen qawwi: Jekk xi bniedem iqim il-bhima u x-xbieha tagħha, u jieħu* ***l-MARKA*** *tagħha fuq ġbinu, jew fuq idu.*"

Revelation 14:11 – "[11]*U d-duħħan tat-turment tagħhom jitla' għal dejjem ta' dejjem: u ma jkollhomx mistrieħ la bi nhar u lanqas bil-lejl, dawk li jqimu l-bhima u x-xbieha tagħha, u kull min jieħu l-****MARKA*** *ta' isimha.*"

Rivelazzjoni 15:2 – "[2]*U rajt bħal baħar tal-ħġieġ imħallat bin-nar; u dawk li għamlu rebħa fuq il-bhima, u fuq ix-xbieha tagħha, u fuq il-****MARKA*** *tagħha, u fuq il-għadd ta' isimha, weqfin fuq il-baħar tal-ħġieġ, u kellhom l-arpi ta' Alla.*"

Rivelazzjoni 16:2 – "[2]*U mar l-ewwel wieħed, u sawwab il-bieqja tiegħu fuq l-art; u ġrieħi jintnu u ta' wġigħ ġew fuq il-bnedmin li kellhom il-****MARKA*** *tal-bhima, u fuq dawk li kienu jqimu x-xbieha tagħha.*"

Rivelazzjoni 19:20 – "[20]*U l-bhima kienet maqbuda, u magħha l-profeta qarrieqi li kien jagħmel is-sinjali quddiemha, li bihom qarraq lil dawk li kellhom il-****MARKA*** *tal-bhima, u lil dawk li kienu jqimu x-xbieha tagħha: Dawn it-tnejn kienu mitfugħin ħajjin fil-għadira tan-nar jaħraq bil-kubrit.*"

Rivelazzjoni 20:4 – "[4]*U rajt tronijiet, u huma qagħdu fuqhom, u l-ġudizzju kien mogħti lilhom. U jiena rajt l-erwieħ ta' dawk li kellhom rashom maqtugħa minħabba x-xhieda ta' Ġesù, u minħabba l-kelma ta' Alla, u dawk li ma qimux lill-bhima, u lanqas lix-xbieha tagħha, u lanqas ħadu l-****MARKA*** *tagħha fuq ġbinhom jew fuq idhom; u għexu, u saltnu ma' Kristu elf sena.*"

Innota: F'dawn it-tmien versi, il-MARKA hija rrife-ruta bħala:

Riv. 13:16 – "**marka**"
Rev. 13:17 – "**il-mark, jew l-isem tal-bhima**"
Rev. 14:9 – "**il-marka tagħha**"
Rev. 14:11 – "**il-marka ta' isimha**"
Rev. 15:2 – "**il-marka tagħha**"
Rev. 16:2 – "**il-marka tal-bhima**"
Rev. 19:20 – "**il-marka tal-bhima**"
Rev. 20:4 – "**il-marka tagħha**"

Importanti ħafna: Innota kif il-marka hija assoċjata **personalment**, rappreżentattiva jew simbolika tal-bhima:

Riv. 14:9 – "il-marka **tagħha** (tal-bhima)"
Riv. 14:11 – "il-marka tal-isem **tal-bhima**"
Riv. 15:2 – "il-marka **tagħha**"
Riv. 16:2 – "il-marka **tal-bhima**"
Riv. 19:20 – "il-marka **tal-bhima**"
Riv. 20:4 – "il-marka **tagħha** (tal-bhima)"
**Tliet** darbiet (14:9, 15:2, 20:4) hija msejjħa "il-marka **TAGĦHA**".
**Darbtejn** (16:2, 19:20) hija msejħa "il-marka **TAL-BHIMA**"
**Darba** (14:11) hija msejħa "il-mark tal-**ISEM TAGĦHA**"

Dawn il-versi jindikaw ċar marka **personalment** simbolika tal-bhima u tal-isem tagħha.

Ma jarawx dawk li jgħallmu li l-MARKA tirreferi għat-tqegħid tal-bijocippa li dan jelimina dak it-tagħlim? Bijoċippa, bażikament hija ftit komponenti f'kapsula żgħira daqs rossa. Ma hemm xejn simboliku dwar bijoċippa, wisq inqas "il-marka tal-ISEM tagħha."

**Il-marka hija wkoll, assoċjata jew irrappreżentata b'xi mod, għall-isem u n-numru tal-bhima (666).**

Rivelazzjoni 13:16-18, bil-wisq aktar, huwa l-aktar ikkwotat u kkwotat ħażin fuq "il-marka tal-bhima." Ħafna għalliema reliġjużi **jillimitaw** il-kliem: "*U li ħadd ma jkun jista' jixtri jew ibigħ*" **biss** għall-"marka" imma innota sewwa x'attwalment igħid vers 17:

"*U li ħadd ma jkun jista' jixtri jew ibigħ ħlief dak li kellu* ***l-marka*****,** ***JEW*** ***l-isem*** *tal-bhima,* ***JEW*** *in-numru ta' isimha*" (Rivelazzjoni 13:17).

**Importanti ħafna: "Ix-xiri u l-bejgħ" MHUWIEX biss dawk li għandhom il-MARKA, imma WKOLL dawk li għandhom L-ISEM tal-bhima, jew in-NUMRU ta' isimha.**

**Rivelazzjoni 13:17 igħallem ċar TLIET modi li persuna tista' "tixtri jew tbigħ":**

U li ebda bniedem ma jkun jista' jixtri jew ibigħ, ħlief jekk hu:

1. kellu l-**MARKA**,
2. jew l-**ISEM tal-bhima**,
3. jew in-**NUMRU tagħha (l-bhima)**.

Mela, jekk inti MA għandekx il-MARKA, imma għandek l-ISEM jew in-NUMRU – inti tista' "tixtri jew tbigħ."

Għal darb'oħra, dan "jelimina" l-bijoċippa.

Kif int "ikollok" l-isem tal-bhima, jew in-numru ta' isimha? Ħames darbiet il-Bibbja tirreferi għal li "jirċievu" l-marka (Riv. 13:16; 14:9, 11; 19:20; 20: 4). Tliet darbiet il-Bibbja tirreferi għal li "jirċievu" l-marka *speċifikament* "f'idhom il-leminija, jew fuq ġbinhom:" (Riv. 13:16; 14:9; 20:4).

Imma mkien mal-Bibbja semmi "jirċievu" l-isem tal-bhima, jew in-numru ta' isimha.

**Huwa possibbli, il-marka, jew l-isem tal-bhima, jew in-numru ta' isimha, huma wieħed u l-istess?**
**Iva. Jiddependi fuq id-definizzjoni ta' JEW.**

Il-kelma ***jew*** hija mfissra:
**Jew:** 1. Tesprimi alternattiva ta' termini, definizzjonijiet 2. **spjegazzjonijiet ta' l-istess ħaġa fi kliem differenti**

Nieħdu definizzjoni 2 – "spjegazzjonijiet tal-ISTESS ĦAĠA fi kliem differenti", għandha tindika l-marka, jew l-isem tal-bhima, jew in-numru ta' isimha, huma l-istess.

Jekk xi ħadd jirċievi **l-marka**, huwa jixrob mill-inbid tal-korla ta' Alla, u jinħaqar bin-nar u l-kubrit għal dejjem ta' dejjem.

U t-tielet anġlu segwihom, igħid b'leħen għoli, "*Jekk xi bniedem iqim il-bhima u x-xbieha tagħha, u jirċievi l-marka tagħha fuq ġbinu, jew fuq idu, **Jixrob hu wkoll l-inbid tal-korla ta' Alla**, li hu msawwab mingħajr taħlit fit-tazza tal-qilla tiegħu; **u jinħaqar bin-nar u l-kubrit** quddiem l-anġli l-qaddisa, u quddiem il-Ħaruf. U d-duħħan tat-turment tagħhom jitla' **għal dejjem ta' dejjem**: u ma jkollhomx mistrieħ la bi nhar u lanqas bil-lejl, dawk li jqimu l-bhima u x-xbieha tagħha, u kull min **jieħu l-MARKA** ta' isimha.*" (Rivelazzjoni 14:9-11).

"[20]*U l-bhima kienet maqbuda, u magħha l-profeta qarrieqi li kien jagħmel is-sinjali quddiemha, li bihom qarraq lil dawk **li kellhom il-MARKA** tal-bhima, u lil dawk li kienu jqimu x-xbieha tagħha: **Dawn it-tnejn kienu mitfugħin ħajjin fil-għadira tan-nar jaħraq bil-kubrit**.*" (Rivelazzjoni 16:20).

**Xi ngħidu dwar l-isem tal-bhima, jew in-numru ta' isimha? Hemm xi kastig talli "jkollok" lilhom?**

Fuq dawk li jirċievu **l-marka**, jintqal hekk:
"*U mar l-ewwel wieħed, u sawwab il-bieqja tiegħu fuq l-art; u ġrieħi jintnu u ta' wġigħ ġew fuq il-bned-min li kellhom il-**MARKA** tal-bhima, u fuq dawk li kienu jqimu x-xbieha tagħha. [3]U sawwab it-tieni anġlu l-bieqja tiegħu fuq il-baħar; u sar demm qisu ta' bniedem mejjet: u kull ħaġa ħajja mietet fil-baħar.*" (Rivelazzjoni 16:2)

Għaliex ebda "turment" jew "ġrieħi jintnu u ta' wġigħ" għal dawk li għandhom l-isem tal-bhima, jew in-numru ta' isimha?

Għal darb'oħra, hemm xi kastig talli "jkollok" isimha jew in-numru tagħha?

Rivelazzjoni 15:2, igħidilna dwar dawk li għamlu rebħa fuq "…il-**MARKA**, u fuq in-**NUMRU** ta' isimha"

Kif jista' xi ħadd jagħmel "rebħa" fuq "in-**NUMRU** TA' ISIMHA"? Jirċievi wieħed ukoll l-isem tal-bhima, jew in-numru ta' isimha "fuq idu l-leminija jew fuq ġbinu:" – bħall-marka?

**Jistgħu dawn kollha jkunu l-istess "marka"?**
Għal darb'oħra l-bijoċippa ma tidhirx li taqbel mal-Kelma ta' Alla!

**L-Iżball tal-bijoċippa. . .**

L-*iżball* li mexxa ħażin lil ħafna nies, inkluż ukoll ħafna mexxejja reliġjużi biex jemmnu fil-bijoċippa, (bar codes, bank cards, eċċ.), bħala li hija l-marka tal-bhima, hija l-limitazzjoni jew l-enfasi żejda ta' l-aspett tal-marka tal-bhima li "tixtri u tbigħ."

ħafna nies qegħdin furjożament ifittxu għal xi teknoloġija jew metodu biex jikkontrollaw il-funzjonijiet tal-kummerċ (tixtri u tbigħ) tad-dinja. **Huma kienu semgħu jiġi kkwotat Rivelazzjoni 13:16-18 tant spiss – li huma jaħsbu li dak kollu li hemm għall-marka.**

Nistaqi jien lil dawk il-mexxejja reliġjużi li huma wkoll inqabdu f'dan l-ingann, fejn aħna qatt smajna meta konna għandna tfal, (aktar minn sittin sena ilu) dwar il-bijoċippa? Aktar u aktar jekk immorru aktar snin lura, mitt sena ilu, jew aktar! Ħafna nies qegħdin jiġu mwerwra b'dan il-qerq. Kif jiena naf dan li hu tassew? Għaliex tisma' xi wħud li jistqarru li huma "Kristjani" jgħidu li wkoll jekk inti tieħu 'credit card', jew xi xorta oħra ta' cards, visa, eċċ., inti tista' tkun qiegħed "tirċievi l-marka tal-bhima." X'kont kbir dawk li jgħallmu dan il-qerq għad iridu jagħtu lil Alla!

Kull min qara DAK KOLLU li l-Mulej igħid dwar il-marka ma jistaqsiex mistoqsijiet banali bħal dawn. **Dak kollu li huma jafu dwar il-Marka tal-Bhima huwa li "ebda bniedem ma jista' jixtri jew ibigħ, ħlief dak li għandu l-marka…"**

**Imma dak MHUWIEX l-iskop tal-marka tal-bhima. Kif jiena nafu dan?**

Sempliċi. Il-Bibbja tgħid hekk – int kull ma għandek tagħmel huwa biss li tħares aktar 'il quddiem minn Rivelazzjoni 13:16-18.

**Ir-raġuni talli tirċievi l-marka hija qima u ċeda għal min hu kontra Kristu.** MHUWIEX "ix-xiri u l-bejgħ"! Il-biċċa l-kbira tan-nies qegħdin beżlin ifittxu għal "teknoloġija" jew metodu biex jikkontrollaw "ix-xiri u l-bejgħ" – u dik MHIX ir-raġuni biex tirċievi l-marka tal-bhima. **U jiena sejjer nagħti prova ta' dan mingħajr l-ebda dubju. Nirrepeti: ir-raġuni biex tirċievi l-marka tal-bhima mhijiex biex xi ħadd ikun jew MA jkunx jista' jixtri jew ibigħ.**

Hawn hi r-raġuni illi li "tixtri u tbigħ" MA jistax ikun l-iskop prinċipali għall-marka. Għaliex skond Rivelazzjoni 14:9-11 – **kull min jirċievi l-marka "*Jixrob hu wkoll l-inbid tal-korla ta' Alla… jinħa-qar bin-nar u l-kubrit…it-turment tagħhom jitla' għal dejjem ta' dejjem.*"**

"[9]*U ġie warajhom it-tielet anġlu, igħid b'leħen qawwi: Jekk xi bniedem iqim il-bhima u x-xbieha tagħha, u jirċievi l-marka tagħha fuq ġbinu, jew fuq idu,* [10]***Jixrob hu wkoll l-inbid tal-korla ta' Alla****, li hu msawwab mingħajr taħlit fit-tazza tal-qilla tiegħu; u* ***jinħaqar bin-nar u l-kubrit*** *quddiem l-anġli l-qad-disa, u quddiem il-Ħaruf:* [11]*U d-duħħan tat-turment tagħhom jitla' għal dejjem ta' dejjem: u ma jkollhomx mistrieħ la bi nhar u lanqas bil-lejl, dawk li jqimu l-bhima u x-xbieha tagħha, u kull min* ***jieħu l-MARKA*** *ta' isimha*" (Rivelazzjoni 14:9-11).

Qiegħed int tifhem is-serjetà ta' dak li għadek kif qrajt? Kull min jirċievi l-marka "[10]*Jixrob hu wkoll l-inbid tal-korla ta' Alla, …u jinħaqar bin-nar u l-kubrit …turment tagħhom jitla' għal dejjem ta' dejjem.*"

Dan iwassalna għall-mistoqsija ovvja: Sejjer Alla, Qaddis u Ġust "jitturmenta lil xi ħadd bin-nar u l-kubrit, għal dejjem ta' dejjem" talli dan irċieva "marka" biex "jixtri jew ibiegħ"? Tinsiex, li Alla ma jħares lejn wiċċ ħadd (Atti 10:34; Rumani 2:11). Allura dawk kollha li għexu qabel ma kienet ivvintata l-bijoċippa ma kellhomx dan il-periklu? Possibbli dawk l-għalliema reliġjużi moderni li llum qegħdin igħallmu dan it-tagħlim żbaljat dan ma jarawhx? Tinsiex li Alla hu MĦABBA (1 Ġwanni 4:16). Il-Bibbja tgħidilna li Alla "…***twajjeb u lest biex taħ-fer; u kollok tjieba għal dawk li jsejħulek***" (Salm 86:5). Fid-dawl ta' dawn il-versi u ħafna oħrajn bħalhom—sejjer

ALLA ta' MĦABBA; Alla "lest li JAĦFER; Alla "kollu ĦNIENA"—"jitturmenta lil xi ħadd bin-nar u l-kubrit, għal dejjem ta' dejjem" talli *sempliċiment* irċieva "marka" jew "bijoċippa" biex "jixtri jew ibigħ"?

**LE. Assolutament MHUWIEX SE JAGĦMEL DAN. QATT.**

**Mela x'inhu l-iskop reali tal-marka tal-bhima?**

X'hemm dwar il-marka tal-bhima, li daqshekk "jiddisturba" lil Alla Ġust u Qaddis, li Hu b'ġustizzja "*jitturmenta lil xi ħadd fin-nar u l-kubrit għall-eternità kollha*" talli dan jirċievi l-marka?

L-iskop tal-marka tal-bhima huwa "marka" lealtà u fedeltà lejn kmandamenti tal-bnedmin u mhux ta' Alla. U dan hu tiċħid u twarrib ta' Alla Qaddis. Biex tirċievi l-marka tal-bhima **int L-EWWEL għandek tqim il-bhima.** taċċetta t-tagħlim żbaljat u falz tal-bnedmin u twarrab it-tagħlim tal-Kelma ta' Alla. Ħares lejn il-versi li ġejjin:

"*…Jekk xi bniedem **iqim** il-bhima u x-xbieha tagħha, u jirċievi l-marka tagħha....*" (Riv. 14:9).

"*…dawk li **jqimu** l-bhima u x-xbieha tagħha, u kull min jieħu l-marka ta' isimha*" (Riv. 14:11).

"*…li kellhom il-marka tal-bhima, u fuq dawk li kienu **jqimu** x-xbieha tagħha*" (Riv. 16:2).

"*…li bihom qarraq lil dawk li kellhom il-marka tal-bhima, u lil dawk li kienu **jqimu** x-xbieha tagħha:*" (Riv. 19:20).

"*…u dawk li ma **qimux** lill-bhima, u lanqas lix-xbieha tagħha, u lanqas ħadu l-marka tagħha…*" (Riv. 20:4).

Hemm biss vers WIEĦED li jgħaqqad "ix-xiri u l-bejgħ" mal-Marka. Imma hemm ħafna versi li jgħaqqdu l-marka mal-QIMA.

Tassew. Ebda wieħed ma jista' jixtri jew ibigħ mingħajr il-marka, imma dik mhijiex ir-**RAĠUNI** talli tirċievi l-marka. Il-"ħadd ma jkun jista' jixtri jew ibigħ,…" hija l-**KONSEGWENZA** ta' **LI MA** tir-ċevix il-marka – mhux ir-**RAĠUNI** talli tirċeviha.

Pastor John Hagee jikteb fil-ktieb tiegħu, From Daniel to Dommsday:

> "I believe **the main reason** the Antichrist will cause everyone to receive what is known as the 'mark of the beast' is **to control everyone** and crush all who worship the God of Abraham, Isaac, and Jacob." (John Hagee, From Daniel to Doomsday, p. 193)

**Traduzzjoni**: "Jiena nemmen **lir-raġuni prinċipali** li l-Antikrist jikkawża lil kulħadd biex jirċievi dak li hu magħruf bħala l-'marka tal-bhima' hija **biex jikkont-rolla lil kulħadd** u jfarrak lil dawk kollha li jqimu lil Alla ta' Abraham, Iżakk, u Ġakob."

Pastor John Hagee hu ***żbaljat għalkollox***. **Ir-raġuni prinċipali tal-marka tal-bhima hija QIMA. Satan jrid dak li hu BISS ta' Alla – Qima. Satana jrid li jkun Alla! Ukoll dwar l-Antikrist, ħafna huma li jaħsbu li dan hu xi individwu li għandu jiġi fil-futur. Imma xi żball kbir ieħor huma qegħdin jgħamlu meta jgħallmu hekk. Dwar dan naraw aktar lura.**

Meta Satana ttanta lill-Mulej Ġesù Kristu f'Mattew 4 (u Luqa 4), ftakar kif hu pprova biex "jikkorda" mal-Mulej: "*U qallu: Dawn il-ħwejjeġ kollha nagħti-homlok, jekk tinxteħet fl-art u **tagħtini QIMA**.*" (Mattew 4:9-11).

**Ix-Xitan jixtieq il-QIMA**.

Kif wieġeb il-Mulej Ġesù?

"*Qallu mbagħad Ġesù: Itlaq, Satana; għax hemm miktub, **'Lill-Mulej, Alla tiegħek, għandek tqim, u lilu biss taqdi'***" (Mattew 4:8-10).

**Il-Qima tappartjeni BISS lil Alla – u dak hu li jixtieq Satana.**

**Ir-raġuni għall-marka tal-bhima mhijiex kontroll – hija QIMA u FEDELTÀ**

**Ir-RAĠUNI tal-bijoċippa hija "tixtri u tbigħ" li MHIJIEX ir-RAĠUNI għall-marka.** U meta ħafna nies "jivvutaw" il-bijoċippa bħala l-marka, l-unika RAĠUNI tagħhom hija – ix-"xiri u l-bejgħ."

**Il-loġika fundamentali għall-bijoċippa bħala l-marka tal-bhima hija ŻBALJATA.**

Issa ħalli naraw dwar dan minn angolu ieħor. Ebda porzjon ieħor tal-ktieb ta' Rivelazzjoni ma kien suġ-ġett għal tant interpretazzjonijiet fantastiċi daqs kemm kien in-numru "666."

Dawk li jaraw diversi innovazzjonijiet tas-soċjetà moderna bħala li huma ta' theddida għal libertà per-sonali u reliġjuża jissuġġerixxu lin-"numru tal-bhima" huwa "n-numru tas-Sigurtà Soċjali ta' persuna, in-numru tal-kont tal-bank, jew il-kodiċi tal-prezzijiet fuq affarijiet f'supermarket.

Dawk li jemmnu li Rivelazzjoni huwa dwar il-knisja Kattolika Rumana għamlu dan in-numru li japplika għall-Papa ta' Ruma.

Kien hemm attentati oħra biex jippruvaw isibu s-soluzzjoni tiegħu fl-isem ta' individwu. Persuni bħal Diocletian, Kaligula, Trajan, Julian l-Apostata, diversi papiet, Luteru, Ġwanni Galvinu, u Napuljun Bona-parte, u oħrajn kienu ssuġġeriti. Waqt li oħrajn appli-kawh għal Hitler, Stalin, Mao, eċċ. Aħseb meta dawn kienu jgħixu? Matul it-Tieni Gwerra Dinjija, mhux hekk?

Hekk ukoll illum li ninsabu fiż-żminijiet tal-kompjuters, xi wħud qegħdin japplikaw dan il-kliem li jir-referi *għal xi ċippa tal-kompjuter li tkun impoġġija fl-id il-leminija tal-persuna,* eċċ. U dawn li jgħidu dawn il-ħwejjeġ kollha bla sens, jippretendu li jafu l-Bibbja għaliex mingħalihom li huma xi studjużi tagħha. Im-ma kemm sejrin żball! L-akbar ħasra hija li magħhom u mat-tagħlim żbaljat tagħhom qegħdin ikaxkru ħafna nies sinċiera li mingħalihom qegħdin jaċċettaw il-Verità meta fil-fatt qegħdin jaċċettaw gidba.

Versi 16 u 17 jgħidu, "*Hija ġġiegħel lil **kulħadd**, iż-żgħar u l-kbar, il-għonja u l-foqra, il-ħielsa u l-ilsiera, kulħadd issirlu marka fuq idu l-leminija jew fuq ġbinu, biex ħadd ma jkun jista' jixtri jew ibigħ, ħlief dak li kellu l-marka,...*"

Il-kelma "marka," meta meħuda letteralment, tfisser xi figura jew simbolu impoġġija fuq l-oġġett biex turi pussess jew awtorità. In-natura nfisha tal-każ hawn titlob li din tkun mifhuma *simbolikament*. Bla dubju din hija wżata biex turi *l-kuntrast* bejn il-qaddejja veru ta' Alla u l-qaddejja li jippretendu li huma qaddejja tassew ta' Alla—il-knisja vera u l-knisja falza. Dwar dan l-Iskrittura tagħtina eżempju biex jekk aħna jkollna xi dubju dwar l-interpretazzjonijiet differenti ta' xi wħud, kif diġa' rajna xi wħud minnhom aktar qabel, aħna nkunu nistgħu nifhmu aktar dak li tassew dawn il-versi jridu jfissru.

Ħalli nħallu l-Iskrittura tinterpretalna hi u naraw fejn Alla uża l-istess lingwa simbolika.

**Eżempji:**

Lil Iżrael Alla qal li l-kliem Tiegħu "*ikunu bħala sinjal fuq idek*" u "*bħala filatterija bejn għajnejk*"

<u>**Dewteronomju 6:6-8**</u> – "*[6]U dawn il-kelmiet, li jien qiegħed nordnalek illum,* ***ikunu f'qalbek****: [7]U Tgħal-limhom tajjeb lil uliedek, u titkellem fuqhom x'ħin tkun qiegħed f'darek, u int u miexi fit-triq, u x'ħin timtedd, u x'ħin tqum.* ***[8]U torbothom bħala sinjal fuq idek, u jkunu bħala filatterija bejn għajnejk****.*"

Huwa ċar li dan il-kliem f'Eżodu huwa wżat f'sens *figurattiv*. Qari bil-għaqal tal-versi f'Dewteronomju f'konnessjoni mill-qrib mal-kontenut tagħhom, aħna għandna l-istess frażi f'kapitlu 11:18, fejn naqraw hekk:

<u>**Dewteronomju 11:18**</u> – "*Għalhekk daħħlu dawn il-kelmiet tiegħi f'qalbkom, u f'moħħkom, u orbtuhom bħala* ***<u>marka</u>*** *fuq idkom, biex ikunulkom bħala filatterija bejn għajnjekom.*"

Dawn fihom figuri rettoriċi oħra li m'għandhomx ikunu meħuda letteralment. Din hija wkoll prova biżżejjed tal-intenzjoni purament figurattiva tagħhom.

Kien biss il-formaliżmu taż-żminijiet ta' wara li ċajpar dawn il-figuri għall-prattika sħiħa u materjalista tal-filatteriji fejn Ġesù Nnifsu kkritikaha f'Mattew 23. Mela m'huwiex ta' sorpriża, għall-membri ta' knisja apostata li jġorru sinjal li juri l-karatteristiċi tagħhom.

L-uniku mod li l-kliem ta' Alla jista' f'dak iż-żmien (jew llum) ikun marka jew sinjal kien u huwa l-manifestazzjoni (il-wiri) tagħhom (tal-kliem) fil-ħajja tal-qaddisin Tiegħu.

Meta jkunu milqugħha fil-moħħ ("filatterija bejn l-għajnejn") u pprattikati ("sinjal fuq l-id"), dawn juru lil dawk li kellhom dawn il-marki jew sinjali bħala li huma l-qaddejja veri ta' Alla. Tista' inti timmaġina l-kliem kollu ta' Alla jitqiegħed letteralment bejn l-għajnejn ta' xi persuna?

Dawk li emmnu u pprattikaw dottrini tal-knisja falza kellhom il-"marka" tal-bhima fuq idhom u fuq ġbinhom. Kull simbolu estern użat mill-knisja falza kien biss simbolu tad-*dottrini foloz* li kienu emmnuti u li sfortunatament huma emmnuti llum ukoll.

**Il-marka ssir "*f'idhom il-leminija,...*"**

Vers 16 jgħid li l-marka ssir "*f'idhom il-leminija.*"

<u>**Rivelazzjoni 13:16**</u> – "*[16]Hija ġġiegħel lil kulħadd, iż-żgħar u l-kbar, il-għonja u l-foqra, il-ħielsa u l-ilsiera, kulħadd* ***issirlu marka fuq idu l-leminija*** *jew fuq ġbinu.*"

Għandna aħna ninterpretaw illi "*idhom il-leminija*" għandha tfisser letteralment l-id tagħhom tal-laħam jew li hija msemmija f'sens simboliku?

**Għal darb'oħra ħalli nħallu l-Iskrittura tinterpreta dan għalina.** Waqt li David kien qiegħed ifaħħar lil Alla talli ħelsu mill-għadu tiegħu, qal dan il-kliem ta' tifħir:

<u>**Salm 18:35**</u> – "*Tajtni wkoll it-tarka tas-salvazzjoni tiegħek, u* ***idek il-leminija*** *żammitni wieqaf, u l-għaj-nuna tiegħek kabbritni.*"

Huma t-*tarka* u l-*id il-leminija* **letterali** t'Alla? Ċertament li le!

<u>Salm 44:3</u> – "*Għax huma ma ħadux l-art b'sejfhom, u lanqas driegħhom ma ħelishom:* ***iżda idek il-leminija****, u driegħek, u d-dija ta' wiċċek, għaliex int ħabbejthom.*"

Alla hu *spirtu* (Ġwanni 4:24). Għandu Alla *id* u *driegħ letterali*, tal-laħam u tal-għadam? Imma David qal li kienu *huma* li ħelsuhom! **Tieħu int dan li ġej f'sens letterali jew f'sens figurattiv?**

<u>Salm 118:16</u> – "*Il-****leminija*** *tal-Mulej merfugħa 'l fuq: il-****leminija*** *tal-Mulej għamlet ħwejjeġ ta' ħila.*"

**Kif rajna, Alla hu spirtu u ċertament li spirtu m'għandux idejn tal-laħam!**

<u>Salm 139:10</u> – "*Hemm ukoll* ***idek*** *tilħaqni, u* ***lemintek*** *taqbadni.*"

<u>Ħabakkuk 2:16b</u> – "*…Il-kies ta'* ***id il-leminija*** *tal-Mulej idur lejk, u l-għajb jgħatti l-glorja tiegħek.*"

<u>Salm 110:1</u> – "[1]*Jaħweh jgħid lil Sidi: Oqgħod* ***fuq il-lemin tiegħi****, sama nqiegħed l-għedewwa tiegħek mirfes taħt riġlejk.*"

<u>Mattew 22:44</u> – "*U l-Mulej qal lil Sidi: Oqgħod* ***fil-lemin*** *tiegħi, sa ma nqiegħed l-għedewwa tiegħek b'mirfes riġlejk?*"

<u>Atti 2:34-35</u> – "[34]*Għax David ma talax fis-smewwiet: iżda hu stess igħid: Il-Mulej qal lil Sidi:* ***Oqgħod fil-lemin tiegħi****,* [35]*Sa ma nagħmel l-għedewwa tiegħek b'mirfes riġlejk.*"

<u>Atti 5:31</u> – "[31]*Lil dan Alla għollieh* ***bil-leminija tiegħu****, bħala Mexxej il-Kbir u Salvatur, biex jagħti lil Iżrael l-indiema, u l-maħfra tad-dnubiet.*"

<u>Rumani 8:34</u> – "[34]*Min se jikkundannhom? Kristu Ġesù miet, jew aħjar, qam mill-imwiet, jinsab* ***fuq il-lemin ta' Alla****, hu li jidħol għalina.*"

<u>Galatin 2:9</u> – "*U meta Ġakbu, Kefa, u Ġwanni, li kienu miżmumin bħala kolonni, għarfu l-grazzja li ntgħatatli, tawni* ***idhom il-leminija****,…*"

***<u>Rivelazzjoni 2:1</u>*** – "*Lill-anġlu tal-knisja ta' Efesu ikteb: Dawn il-ħwejjeġ igħid dak li jżomm is-seba' kwiekeb* ***f'idu l-leminija…***" (Ara wkoll Rivelazzjoni 5:1, 7).

Il-mistoqsija hija din: Għandu Alla id letterali tal-laħam u ta' l-għadam?

**Fl-Iskrittura l-frażi "*l-id il-leminija*" tfisser supe-rjorità, approvazzjoni ħalli turi x-xogħol li fih int tkun intrigat, eżempju Galatin 2:9, preferenza jew prieminenza.** Qatt ma tfisser id letterali.

Ċertament li kulħadd jaqbel li le! L-id imsemmija f'dawn is-siltiet kollha u f'ħafna oħrajn bħalhom hija *simbolika*. **Hekk ukoll l-id il-leminija msemmija f'Rivelazzjoni 13:16 hija *simbolika*.**

**Xi eżempji:**

- Meta xi tifel żgħir kien jigdeb – kien jintqal lilu: *għandek marka fuq moħħok*. Jiena meta kont żgħir u missieri kien igħidli ħalli nara moħħok, kont ngħatti moħħi (ġbini) biex, mingħalija ma jarax xi marka li kont qiegħed nigdeb.
- *Miskin ġietu tajba llum, rebaħ il-lotterija* – ikun laqqat xi daqqa kbira ta' karozza jew ġralu xi aċċident kbir.

- *Taqqabli moħħi – Nofs moħħ – ħadlu moħħu jew rasu* – (l-arloġġ) *telaqli*
- *Dak bhima*, jiġifieri, wieħed li ma jagħtix każ tal-oħrajn.
- Għalaqlu ċ-ċens miskin jew intfietlu x-xemgħa, jiġifieri, miet.

Ħadd min dawk li jippridkaw li "l-marka" f'Rivelazzjoni 13 tfisser iċ-ċippa ma jemmnu li dawn li semmejt fuq għandna neħduhom b'mod letterali!

***Dan hu l-punt tal-kuntrast qawwi bejn il-"marki" ta' dawk li jqimu l-bhima (13:16-18) u l-għanja ta' ferħ tal-qaddisin issiġillati (14:1-5).***

"*Għax għad jiġi żmien meta ma jaħmlux it-tagħlim it-tajjeb; imma skond ix-xewqat ħżiena tagħhom, u b'widnejhom jikluhom,* ***jiġmgħu għalihom għal-liema; U jdawru widnejhom mil-verità, u jduru għall-ħrejjef***" (2 Timotju 4:3-4).

U dan hu minnu għaliex ħafna llum qegħdin iduru għall-ħrafa taċ-ċippa u jwarrbu l-verità!

## IL-MARK TA' ALLA

Sabiex inkunu salvati minn Ġesù Kristu aħna għandna nimxu fit-toroq Tiegħu.

**Il-marka ta' Alla hija marka spiritwali.** Din hija li tkun fix-xbieha ta' Ġesù. Hija li timxi wara Kristu u tobdi l-kmanda-menti Tiegħu.

**Il-marka ta' Alla hija li tkun imqaddes bl-Ispirtu s-Santu.** Hija li tieħu t-triq tal-indiema għall-maħfra tad-dnubiet ikkawżata permezz tad-demm tal-patt. (Luqa 24:47). Hija li tkun midfun ma' Kristu fil-ma-għmudija għall-maħfra tad-dnubiet u tkun imqajjem Miegħu għall-ħajja ġdida (Atti 2:38; 22:16; Rumani 6:3-5; Kolossin 2:12). Il-marka ta' Alla hija li ssegwi l-kmandamenti ta' Alla. (Ġwanni 14:15-23; 1 Ġwanni 2:3-5; 5:1-3).

**Il-magħżulin ta' Alla jkollhom Isem Alla fuq ġbinhom. Dan "l-isem" huwa l-marka ta' Alla.**

Rivelazzjoni 22:3-4 – "[3]*Ebda saħta ma jkun hemm iżjed. Fiha jkollha t-tron ta' Alla u tal-Ħaruf, u l-qad-dejja tiegħu jagħtuh qima.* [4]*U jaraw wiċċu,* ***u jkoll-hom ismu fuq ġbinhom***."

Rivelazzjoni 14:1 – "[1]*U ħarist; u, ara, kien hemm wieqaf fuq il-muntanja ta' Sijon Ħaruf, u miegħu kien hemm mija u erbgħa u erbgħin elf ruħ,* ***li kellhom isem Missieru miktub fuq ġbinhom***."

**L-Isem ta' Alla huwa l-Kelma Tiegħu. Il-Kelma ta' Alla tkun stampata ġo l-imħuħ tal-magħżulin Tiegħu.**

Rivelazzjoni 19:13 – "[13]*U kien liebes mantar im-għaddas fid-demm:* ***u ismu kien il-Kelma ta' Alla***."

**Il-marka ta' Alla hija li tobdi l-kmanda-menti Tiegħu.**

Dewteronomju 6:1-3 – "[1]*Issa dawn huma l-kman-damenti, u l-istaturi, u l-ordinanzi li ordnali Jaħweh, Alla tagħkom, biex ngħallimkom, ħa tagħmluhom fl-art li intom sejrin fiha biex teħduha;* [2]*Biex tibża' minn Jaħweh, Alla tiegħek,* ***u tħares l-istatuti u l-kmandamenti kollha tiegħu, li jien qiegħed nordnalek****, int, u ibnek, u bin ibnek il-jiem kollha ta' ħajtek, biex jiemek jitwalu.* [3]*Isma', mela, o Iżrael, u qis li ta-*

*għmilhom; biex tkun hieni, u toktru qatigħ, bħal ma wegħdek Jaħweh, Alla ta' missirijietek, fl-art li tnixxi l-ħalib u l-għasel.*"

Dewteronomju 6:4-9 – "[4]*Isma' o Iżrael: Jaħweh, Alla tagħna, hu Jaħweh wieħed!* [5]*U int tħobb lil Jaħ-weh, Alla tiegħek, b'qalbek kollha, u b'ruħek kollha, u bil-qawwa tiegħek kollha.* [6]*U dawn* ***il-kelmiet, li jien qiegħed nordnalek illum, ikunu f'qalbek****:* [7]*U Tgħallimhom tajjeb lil uliedek, u titkellem fuqhom x'ħin tkun qiegħed f'darek, u int u miexi fit-triq, u x'ħin timtedd, u x'ħin tqum.* [8]*U* ***torbothom bħala sinjal fuq idek, u jkunu bħala filatterija bejn għajnejk****.* [9]*U tiktibhom fuq ġenbejn il-bwieb ta' darek, u fuq bwiebek....*[13]*Ibża' minn Jaħweh, Alla tiegħek, u aqdih, u aħlef b'ismu.*"

Dewteronomju 11:18 – "[18]*Għalhekk daħħlu dawn il-kelmiet tiegħi f'moħħkom, u f'ruħkom,* ***u orbtuhom bħala sinjal fuq idkom, biex ikunulkom bħala filatterija bejn għajnejkom****.*"

**Li żżomm il-kmandamenti hija marka figur-attiva jew sinjal li tmur fuq l-id u bejn l-għajnejn. Il-ġbin huwa simboliku tat-twemmin, fidi u l-moħħ tagħna. Waqt li jdejk jirrappreżentaw l-azzjonijiet u l-għemejjel tiegħek.**

Salm 119:48 – "[48]***Idejja wkoll narfa' lejn il-kman-damenti tiegħek****, li jien ħabbejt; u naħseb fuq l-istatuti tiegħek.*"

**Li żżomm u tħares il-jiem ta' qima ta' Alla huma part minn din il-liġi.**

Eżodu 13:3-10 – "[1]*U Jaħweh kellem lil Mosè, billi qal:* [2]*Qaddisli kull imwieled l-ewwel, kull min jiftaħ il-ġuf fost ulied Iżrael, sew bniedem u sew bhima: tiegħi hu.* [3]*U Mosè qal lin-nies: Ftakru f'dal-jum, li fih ħriġtu mill-Eġittu, mid-dar tal-jasar;għax b'id qawwija Jaħweh ħariġkom minn dal-pajjiż: u m'għandux jittiekel ħobż meħmur.* [4]*F'dan il-jum intom ħriġtu, fix-xahar ta' Abib.* [5]*U jiġri, meta Jaħweh idaħħlek f'art il-Kangħa-nin, u l-Ħittin, u l-Amurin, u l-Ħiwwin, u l-Ġebusin, li hu ħalef lil missi-rijietek li jagħtik, art tnixxi l-ħalib u l-għasel, li int tħares dan ir-rit f'dax-xahar.* [6]*Sebat ijiem int tiekol ħobż ażżmu, u fis-seba' jum ikun għid lil Jaħweh.* [7]*Ħobż ażżmu jittiekel sebat ijiem; u ħobż meħmur m'għandux jid-her miegħek, u lanqas ħmira ma tidher miegħek fl-art kollha tiegħek.* [8]*U f'dak il-jum fisser lil ibnek, għidlu: Dan magħmul minħabba f'dak li Jaħweh għamilli meta ħriġt mill-Eġittu.* [9]*U dan ikun* ***ta' sinjal għalik fuq idek, u ta' tifkira bejn għajnejk,*** *biex il-liġi ta' Jaħweh tkun f'fommok: għax b'id qawwija Jaħweh ħarġek mill-Eġittu.* [10]*Int għalhekk tħares din il-liġi f'waqtha, minn sena għal sena.*"

Il-Lhud kienu ordnati biex ifakkru l-ħelsien tagħhom mill-jasar Egizzjan billi jħarsu l-jum tas-Sibt. Illum aħna nħarsu l-ħelsien tagħna mill-jasar tad-dnub fl-ewwel jum tal-ġimgħa, il-Ħadd, li fih il-Mulej qam mill-imwiet. (Luqa 22:19; 1 Korintin 11:23-26; Mark 16:1-2; Ġwanni 20:1, 19; Luqa 22: Atti 2:42; Atti 20:7; 1 Korintin 16:1-2)
**Il-marka ta' Alla hija li jkollok verità vitali spiritwali (*żejt jew il-Kelma ta' Alla*) f'moħħok (*lampa jew ġbinek*)**

Mattew 25:1-13 – "[1]*Imbagħad is-saltna tas-smew-wiet tkun tixbaħ lil għaxar verġni, li ħadu l-imsieħ tagħhom, u ħarġu biex jiltaqgħu ma' l-għarus.* [2]*U ħamsa minnhom kienu għaqlin u ħamsa kienu boloh.* [3]*Dawk li kienu boloh ħadu l-lampi tagħhom, u ma ħadux żejt magħhom:* [4]*Iżda l-għaqlin* ***ħadu ż-żejt fil-kwies tagħhom mal-lampi tagħhom****.* [5]*Waqt li l-għarus iddawwar, kollha tniegħsu u raqdu.* [6]*U f'nofs il-lejl kien*

*hemm għajta: Ara, il-għarus; oħorġu biex tilqgħuh.* [7]*Imbagħad dawk il-verġni kollha qamu, u* ***hejjew il-lampi tagħhom.*** [8]*U l-boloh qalu lill-għaq-lin: Agħtuna miż-żejt tagħkom,* ***għax il-lampi tagħna ntfew.*** [9]*Iżda wieġbu l-għaqlin, billi qalu: Mhux hekk; li ma jmurx ma jkunx hemm biżżejjed għalina u għalikom: iżda morru aħjar għand il-bejjiegħa, u ixtru għalikom.* [10]*U filwaqt li marru jixtru, ġie l-għarus; u dawk li kienu lesti daħlu miegħu għat-tieġ, u l-bieb ingħalaq.* [11]*Wara ġew ukoll il-verġni l-oħra, u bdew igħidu, '****Mulej, Mulej, ifteħilna!****'* [12]*Imma hu wieġeb u qal, '****Tassew, ngħidilkom, ma nafkomx.****'* [13]*Ishru, mela, għaliex ma tafux la l-jum u lanqas is-siegħa.*"

"'***Mulej, Mulej, ifteħilna!***' [12]*Imma hu wieġeb u qal, '****Tassew, ngħidilkom, ma nafkomx.****"*

Dan il-kliem, jiġifieri, "*ma nafkomx*" Ġesù jgħidu wkoll lil dawk li llum qegħdin jippridkaw ***f'ismu***, qegħdin igħidu li huma jfejqu ***f'ismu***, u wkoll li jkeċċu d-demonji ***f'ismu***, eċċ.

Mattew 7:21-24 – "[21]*Mhux kull min igħidli: Mulej, Mulej, jidħol fis-saltna tas-smewwiet: imma dak li jagħmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet.* [22]*Ħafna jgħiduli f'dak il-jum: Mulej, Mulej, ma ħabbarniex* ***f'ismek****? U* ***f'ismek*** *keċċejna d-demonji? U* ***f'ismek*** *għamilna ħafna għeġubijiet?* [23]*U mbagħad nistqarrilhom:* ***Jiena qatt ma kont nafkom****; tbiegħdu minni, intom li tagħmlu l-ħażen.*"

Kemm mexxejja reliġjużi llum jistqarru li huma qegħ-din jagħmlu preċiżament dak li Ġesù sejjaħlu ***ħażen***! Jekk mhux hekk, mela l-kliem tal-Mulej isir bla sens!

**Il-liġi ta' Alla jintqal li hija xi ħaġa li hija *ssiġillata* fuq id-dixxipli Tiegħu.**

Isaija 8:16 – "[16]*Agħlaq dix-xhieda,* ***issiġilla*** *l-liġi fost id-dixxipli tiegħi.*"

**Il-magħżulin ta' Alla jintqal li huma wkoll issiġillati.**

Il-magħżulin ta' Alla huma ssiġillati billi jħarsu l-liġijiet Tiegħu.

Rivelazzjoni 7:4 – "[4]*U smajt x'kien il-għadd* ***ta' l-issiġillati****: mija u erbgħa u erbgħin elf* ***issiġillati****, minn kull tribù ta' wlied Iżrael.*"

**Il-knisja ta' Filadelfja tirrappreżenta l-magħżulin ta' Alla.** Jidher illi li kienu jżommu u jħarsu l-kmandamenti ta' Alla kien li għamel lil din il-knisja tkun imfaħħra.

Rivelazzjoni 3:8 – "[8]*Jiena naf l-opri tiegħek; ara, ftaħtlek quddiemek bieb li ħadd ma jista' jagħlqu; għax għad li l-ħila tiegħek hija dgħajfa, naf* ***li l-kelma tiegħi ħaristha u ismi ma ċħadthulix****.*"

***L-isiġillar* ta' l-Isem ta' Alla fuq il-magħżulin Tiegħu li jqimu Lilu biss, huwa *l-marka ta' Alla*. Il-magħżulin ta' Alla huma ssiġillati b'informazzjoni vitali spiritwali. Huma ubbidjenti u jimxu fuq il-liġijiet ta' Alla.**

## *Il-marka tal-bhima*

Bħas-siġill ta' Alla fuq ġbin il-magħżulin (Riv. 7: 3; Riv. 14:1; Riv. 9:4), il-marka tal-bhima wkoll hija marka *figurattiva*. Il-marka tal-bhima kontra l-marka ta' Alla hija fl-aħħarnett simbolika ta' wara liema xbieha u xebħ inti tieħu jew tmur. Lil min inti lest li **tagħti qima**, lil Alla jew lil Satana. Il-Marka tal-bhima hija kuntrarja għall-

marka ta' Kristu u hija simbolika **ta' qima u lealtà** għall-bhima, u wkoll diżubbidjenza għal-Liġijiet ta' Alla.

**Il-marka tal-bhima hija li toqgħod għax-xbieha "*tal-bniedem li ma jħarisx il-liġi.*"**

<u>2 Tessalonikin 2:3</u> – "[3]*Tħallux lil min iqarraq bikom, b'ebda mod: għaliex jekk l-ewwel ma tiġix l-apostasija, u jkun irrivelat* ***il-bniedem li ma jħarisx il-liġi, bin it-telfien****.*"

Kull min igħallem tagħlim li mhuwiex Skritturali u kull min jimxi wara għalliema bħal dawk jinsab f'per-iklu kbir.

<u>Rivelazzjoni 13:16-17</u> – "[16]*Hija ġġiegħel lil kulħadd iż-żgħar u l-kbar, il-għonja u l-foqra, il-ħielsa u l-ilsiera, kulħadd issirlu marka fuq idu l-leminija jew fuq ġbinu,* [17]*U li ħadd ma jkun jista' jixtri jew ibigħ, ħlief dak li kellu l-marka, jew l-isem tal-bhima, jew il-għadd ta' isimha.*"

**L-Isem ta' Alla jirrappreżenta l-Kelma.**

<u>Rivelazzjoni 19:11-13</u> – "[11]*U rajt is-sema jinfetaħ, u, ara, żiemel abjad; u dak li kien qiegħed fuqu kien jismu Fidil, Veru, u bil-ġustizzja jiġġudika u jagħmel il-gwerra.* [12]*Għajnejh kienu qishom fjamma tan-nar, u fuq rasu kienu ħafna kuruni, u kellu isem miktub, li ħadd ma kien jaf, ħliefu.* [13]*U kien liebes mantar im-għaddas fid-demm:* ***u ismu kien il-Kelma ta' Alla.***"

**Għalhekk l-isem tal-bhima huwa *l-kelma tal-bhima*, il-kmandamenti tal-bhima u l-liġijiet tal-bhima.**

**Il-marka tal-bhima hija *diżubbidjenza* għal-liġi-jiet ta' Alla.** Meta jiena *ma nobdix il-liġijiet ta' Alla* dan ikun ifisser illi l-lealtà tiegħi hija lejn Satana.

<u>Efesin 2:1-6</u> – "[1]*U intom li kontu mejtin bil-ħtijiet u d-dnubiet;* [2]*Li fihom intom imxejtu fl-imgħoddi skond iż-żmien tad-dinja,* ***skond il-ħakkiem ta' l-awtorità ta' l-ajru, l-ispirtu li issa jaħdem f'ulied id-diżubbidjenza****:…* [4]*Imma Alla, li hu għani fil-ħniena, għall-imħabba kbira tiegħu li biha ħabbna,* [5]*Ukoll meta konna mejtin fi ħtijietna, tana l-ħajja flimkien ma' Kristu, (bil-grazzja intom salvati);* [6]*U qajjimna flimkien, u qegħidna flimkien fis-smewwiet fi Kristu Ġesù.:*"

**Ġesù jgħidilna bi kliem ċar ħafna xi jniġġes persuna, jekk huwiex xi bijoċippa moderna, kif xi għalliema moderni qegħidin igħallmu, jew xi ħaġa oħra. Isma' xi jgħid il-Mulej, u ħalli jkollok il-kuraġġ li twarrab it-tagħlim kollu falz ta' dawk l-għalliema moderni:**

<u>Mark 7:18-23</u> – "[18]*U qalilhom: Hekk intom ukoll bla dehen?* ***Ma tifhmux, li kull ħaġa li minn barra tidħol fil-bniedem, ma tistax tniġġsu;*** [19]*Għax ma tidħolx f'qalbu, iżda f'żaqqu, u tmur fil-kanal, li minnu jissaffa kull ikel?* [20]***Dak li joħroġ minn ġol-bniedem, dak hu li jtabba' lill-bniedem****.* [21]*Għax hu minn ġewwa, mill-qalb tal-bniedem, li joħorġu l-ħsibijiet il-ħżiena: fornikazzjoni, serq, qtil,* [22]*adulterju, regħba, ħażen, qerq, libertinaġġ, bluha.* [23]*Dal-ħażen kollu minn ġewwa joħroġ u jtabba' lill-bniedem.*"

L-ebda ċippa jew xi ħaġa materjali oħra ma tista' tniġġes persuna. Il-problema l-kbira għal xi individwi hija li huma mhumiex lesti li jabbandunaw it-tagħlim tal-għalliema reliġjużi tagħhom u jaċċettaw ***biss*** dak li tassew tgħidilhom il-Kelma tal-Mulej Ġesù

Kristu. Il-fiduċja tagħhom tkun fl-għalliema tagħhom u mhux fl-Għalliem il-Kbir tagħna, Sidna Ġesù Kristu.

**Twissija:**

> <u>**Efesin 5:6-7**</u> – "[6]*Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'dawn il-ħwejjeġ* ***tiġi l-korla ta' Alla fuq ulied id-diżubbidjenza****.* [7]***Mela tissieħbu qatt magħhom!***"

## MIN TASSEW HU L-ANTIKRIST

Issa tajjeb li ngħidu xi ħaġa fil-qosor dwar min tassew hu l-**antikrist** għaliex dwar dan ukoll huma ħafna għalliema reliġjużi li qegħdin igħallmu tagħlim żbaljat.

Fil-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa, it-titlu "antikrist" jinsab erba' darbiet u darba fil-plural u dawn kollha jinsabu fl-ewwel u t-tieni ittri ta' Ġwanni. żomm f'moħħok li f'Rivelazzjoni dan it-titlu ma jisab imkien.

<u>**1 Ġwanni 2:18, 22**</u> – "[18]*Uliedi żgħar, din hi l-aħħar siegħa: intom smajtu li għandu jiġi* ***<u>l-antikrist</u>****, u* ***issa hawn ħafna <u>antikristijiet</u>****; minn dan nagħrfu li waslet l-aħħar siegħa…*[22]*Min hu giddieb, ħlief* ***dak li jiċħad li Ġesù hu l-Kristu****?* ***Dan hu <u>l-antikrist</u>, li jiċħad il-Missier u l-Iben****.*"

<u>**1 Ġwanni 4:2-3**</u> – "[2]*L-ispirtu ta' Alla tagħrfuh b'dan: kull spirtu, li jistqarr li Ġesù Kristu sar bniedem, hu minn Alla.* [3]*U* ***kull spirtu, li ma jistqarrx lil Ġesù, mhuwiex minn Alla; dan hu l-ispirtu ta' l-<u>anti-krist</u>****, li intom smajtu li għandu jiġi,* ***anzi minn issa stess ġa qiegħed fid-dinja****.*"

<u>**2 Ġwanni 7**</u> – "[7]*Għax dehru fid-dinja ħafna nies qarrieqa, li ma jistqarrux li Ġesù Kristu ġie fil-ġisem: Dan hu qarrieq u* ***<u>antikrist</u>****.*"

Ġesù qalilhom li dak li wieħed jaqra f'Rivelazzjoni kapitli 13 u 17, u speċjalment dwar "ix-xbieha" tal-bhima f'kapitlu 13:11-18 li hija identifikata bin-numru 666, **mhuwiex** qiegħed jirreferi għal xi "anti-krist" kif għalliema moderni jgħidu! Ġesù qalilhom li Rivelazzjoni **mkien** ma juża t-titlu "antikrist." Ġesù mbagħad fakkarhom f'dak li jgħid f'kapitlu 22.

<u>**Rivelazzjoni 22:18-19**</u> – "[18]*Jiena nwissi lil kull min jisma' l-kelmiet tal-profezija ta' dan il-ktieb: jekk xi ħadd* ***iżid magħhom****, Alla jixħet fuqu l-kastigi msemmijin f'dan il-ktieb;* [19]*U jekk xi ħadd* ***ineħħi*** *xi kliem milli hawn fil-ktieb ta' din il-profezija, Alla jneħħilu s-sehem li jmissu mis-siġra tal-Ħajja u mill-belt il-qaddisa msemmijin f'dan il-ktieb.*"

Mela tajjeb li żżomm f'moħħok dan il-kliem hekk kif aħna naraw bil-għaqal dak li tassew igħidilna l-Ispirtu s-Santu fil-Kelma Tiegħu.

## IL-BIBBJA U L-ANTIKRIST

Żewġ termini li rari jinsabu fl-Iskrittura, jirċievu wisq attenzzjoni fis-sistemi kurrenti interpretattivi tat-tmiem taż-żmien—'L-Antikrist' u 'l-Bniedem tad-Dnub', letteralment, 'il-bniedem, dak b'nuqqas ta' ħarsien tal-liġi.' L-ewwel huwa terminu li jinsab **biss** fl-1 Ġwanni 2:18, 22; 4:3 u fit-Tieni Ġwanni 7. It-tieni jinsab biss fl-1 Tessalonikin 2:3. L-aktar konċett kom-uni huwa li l-antikrist u l-bniedem tad-dnub huma l-istess individwu. B'żieda, ħafna jemmnu li hu jkun xi malinjità super umana li għandu jqum fis-setgħa

fiż-żmien sewwasew qabel it-tmiem u jordna l-qima tal-bnedmin kollha. Fil-ktieb, *The Late Planet Earth*, il-kittieb Hal Lindsey igħid dwar l-antikrist, "Hu jkollu personalità manjetika, ikun personalment ta' attrazzjoni, u kelliemi qawwi. Hu jkun kapaċi jraqqad udjenza bl-oratorju tiegħu. L-Antikrist jagħmel lilu alla...Hu jipproklama lilu nnifsu li hu Alla. Hu jordna li jkun adurat" (pp. 108-109). Lindsey igħid ukoll, "Ma jkun hemm ebda vantaġġ tad-dinja f'li tkun ħaj meta l-Anti-krist jaħkem. Aħna nemmnu li Kristjani ma jkunux madwar biex jaraw din it-tħarbita miġjuba mill-aktar dittatur kattiv ta' kull żmien" (pp. 112-113). Għal-hekk, skond it-teorija popolari premillennjali, l-antikrist jintqal li jidher wara l-maħsuba tneħħija tal-Kristjani kollha mid-dinja. Dan huwa t-tagħlim li ħafna qegħdin jiġu ngannati bih billi jaċċettawh bħala li huwa tagħlim ġej mill-Ispirtu s-Santu, u l-kaġun ta' dan mhuwiex ħlief telfien ta' dejjem għal dawk li jaċ-ċettawh! Ħalli naraw sewwa xi jgħid l-Ispirtu s-Santu fil-Kelma Tiegħu, il-Bibbja Mqaddsa.

## L-EWWEL U T-TIENI ĠWANNI

Kuntrarju għal dak li jistqarru nies bħal Hal Lindsey u kittieba denominazzjonali oħra li jistqarru b'ċertezza lit-tmiem hu ġej dalwaqt, l-appostlu ispirat, Ġwanni, kellu veduta differenti għal kollox ta' "l-antikrist."

L-antikrist mhuwiex persuna waħda individwali, pjuttost Ġwanni qal,

> "*...intom smajtu li għandu jiġi **l-antikrist**, u **ISSA hawn ħafna antikristi***" (1 Ġwanni 2:18).

L-antikrist ma jidhirx fit-tmiem taż-żmien, pjuttost, kienu ħafna li eżistew fl-ewwel seklu. Temmnu dan int? Hekk igħid l-Ispirtu s-Santu! L-antikrist mhuwiex individwu sovruman jew inkarnazzjoni tax-xitan, pjuttost, l-antikristi kienu nies ordinarji. Ġwanni jgħid hekk dwarhom:

> "*Dawn ħarġu minn fostna, imma ma kinux minn tagħna; għax kieku kienu minn tagħna, bla dubju kienu jibqgħu magħna: imma dawn ħarġu, biex jidhru li mhux kollha huma tagħna*" (1 Ġwanni 2:19).

Dawk kollha li *jgħallmu* u dawk kollha li *jaċċettaw* dan it-tagħlim falz tal-premillennjaliżmu huma antikristi għaliex qegħdin iħaddnu tagħlim li mhuwiex Skrit-turali!

L-Antikrist huwa sempliċiment **kull persuna** li tiċ-ħad li Ġesù Hu l-Kristu, Ġwanni għid,

> "*Min hu giddieb, ħlief dak li jiċħad li Ġesù hu l-Kristu? **Dan hu l-antikrist,** li jiċħad il-Missier u l-Iben.*"

Għalhekk, dak kollu li jgħidu l-bnedmin dwar min hu l-antikrist, bħal kif għadna kif rajna aktar qabel, jiġifieri, dak li kiteb Hal Lindsey u oħraj bħalu, huwa qerq, u dawk kollha li jħallu lil min iqarraq bihom, il-Kelma ta' Alla tgħidilna li tinżel il-korla ta' Alla fuqhom (Efesin 5:6). Mela, Lhud u Ġentili li rriġettaw l-istqarrija li Ġesù kien il-Messija kienu "antikristi." Gruppi moderni li jirriġettaw id-Divinità ta' Ġesù, li Ġesù Hu Divin l-istess bħall-Missier, bħax-Xhieda ta' Ġeħova u oħrajn huma "antikristi." Gruppi li jemmnu fid-dottrina ta' Ġesù waħdu, jiġifieri, li Ġesù Hu l-uniku membru tad-Divinità, u li ma hemmx Missier distint jew Spirtu s-Santu, (oneness) huma wkoll "antikristi." L-appostlu Ġwanni żgur li ma jaqbilx magħhom. Hu jgħid hekk dwar dan:

"[7]*Għax dehru fid-dinja ħafna nies qarrieqa, li ma jistqarrux li Ġesù Kristu ġie fil-ġisem:* ***Dan hu qarrieq u antikrist.*** [8]*Ħarsu ruħ-kom, li ma titilfux dak li aħna ħdimna, imma li tieħdu ħlas sħiħ.* [9]*Min imur aktar 'il quddiem u ma jibqax fit-tagħlim ta' Kristu, m'għandux lil Alla fih. Min jibqa' fit-tagħlim, għandu* ***T-TNEJN****, il-Missier u l-Iben fih.* [10]***Jekk jiġikom xi ħadd u ma jġibil-komx dan it-tagħlim, la tilqgħuhx għand-kom u la ssellmulux,*** [11]***Għax min isel-limlu jkun qiegħed jissieħeb miegħu fl-opri ħżiena tiegħu.***" (**2 Gwanni 1:7-11**).

TNEJN u mhux wieħed igħid Ġwanni hawn, imma dawk li jgħallmu llum li mhumiex tnejn imma wieħed żgur li ma jaqblux ma' dan il-kliem ispirat! Ukoll Ġwanni jgħid li huma TLIETA u mhux wieħed, jiġifieri, tliet Persuna f'Alla Wieħed.

"[16]*U* ***jien*** *nitlob lill-****Missier,*** *u* ***hu*** *jagħti-kom* ***Avukat*** ***<u>ieħor</u>****, biex jibqa' magħkom għal dejjem;* [17]*Li hu* ***l-Ispirtu*** *tal-verità,….* [26]*Imma* ***L-Avukat, li hu l-Ispirtu s-Santu, li l-Missier jibgħat f'ismi,*** *hu jgħallimkom kollox, u jfakkarkom kulma għidtilkom.*" (Ġwanni 14:16, 17, 26; tajjeb li taqra l-kapitlu kollu).

Nies li jistqarru li Ġesù kien raġel tajjeb u ta' l-għaġeb, imma ma kienx Alla—huma wkoll "antikristi." Nies li jemmnu li Ġesù falla milli jwaqqaf is-saltna Tiegħu fuq l-art u se jerġa' jwaqqafha għal elf sena meta jerġa' jiġi, f'Ġerusalemm, ukoll huma antikristi għaliex, Ġesù Kristu, bħala Alla, ma jistax ifalli!

L-appostlu Ġwanni, ispirat mill-Ispirtu s-Santu, jkompli jgħid,

"*U kull spirtu li ma jistqarrx li Ġesù Kristu ġie bil-ġisem mhux minn Alla: dan hu l-ispirtu ta'* ***l-antikrist****...*" (1 Ġwanni 4:3).

F'dan il-kuntest, wieħed ikun "l-antikrist" meta dan jiċħad l-inkarnazzjoni, jiġifieri, li Ġesù (Alla) ġie f'din id-dinja u għammar f'ġisem uman (1 Ġwanni 4:2; Ġwanni 1:14; Filippin 2:6-8). Ġwanni jgħid hekk dwar dan,

"*Għax dehru fid-dinja ħafna nies qarrieqa, li ma jistqarrux li Ġesù Kristu ġie fil-ġisem;* ***Dan hu*** *qarrieq u* ***antikrist***" (2 Ġwanni 7).

B'żieda, innota li antikristi bħal dawn qegħdin jeżistu waqt li l-Kristjani qegħdin fuq l-art! It-terminu "anti-krist," sempliċiment ifisser wieħed jew kull min jopponi l-Messija, wieħed li huwa kontra l-verità dwar in-natura ta' Ġesù Kristu. Waqt li jkun hemm dawk li jistqarru li huma l-Messija (Messijiet foloz, Mattew 24:5, 24), l-għalliema foloz li ddeskriva Ġwanni ma stqarrewx li huma kienu l-Messija. Ħafna Premillenn-jalisti jargumentaw li l-<u>A</u>ntikrist għandu jippreżenta lilu nnifsu bħala s-salvatur tad-dinja, għalhekk, dawk kollha li jaqblu mat-tagħlim falz tal-Premillennjalisti, huma kollha antikristi! Innota, meta huma jitkellmu dwar l-antikrist, l-isem jew titlu 'antikrist' juru b'**A** kapitali jiġifieri, Antikrist. Dan kollu qerq!

## IT-TIENI TESSALONIKIN, KAPITLU 2

Permezz ta' l-appostlu Pawlu, l-Ispirtu s-Santu jgħid hekk:

"*Tħallu 'l ħadd min iqarraq bikom bl-ebda mod: għax dak il-jum ma jiġix, jekk l-ewwel ma tiġix l-apostasija, u jinkixef il-bniedem tad-dnub, bin it-telfien; Li jmur kontra Alla, u jirtafa' fuq kulma għandu l-isem ta' Alla, jew li hu miqjum; biex bħal Alla joqgħod fit-tempju t'Alla, billi juri lilu nnifsu*

*li hu Alla... U issa intom tafu x'iżom-mu li ma jidhirx f'waqtu. Għax il-ministeru tal-ħażen diġa' qiegħed jaħdem: biss dak li qiegħed iżommu issa, hemm bżonn jitwarrab minn nofs. U mbagħad jinkixef dak il-ħażin, li l-Mulej jeqirdu bl-ispirtu ta' fom-mu, u jxejnu bid-dija tal-preżenza tiegħu, u li preżenza ta' dak li ġej tkun, skond l-attività ta' Satana, bis-setgħa kollha, u sinjali, u għeġubijiet foloz. U bil-qerq kollu tal-ħażen f'dawk li jintilfu; għax ma laqgħux l-imħabba tal-verità, biex isalvaw*" (2 Tessalonikin 2:3-10).

Il-Premillennjalisti jqabblu "l-bniedem tad-dnub" (aħjar, *il-bniedem b'nuqqas ta' ħarsien tal-liġi*) mal-antikristi li dwarhom jitkellem Ġwanni, imma l-Bibbja **qatt ma tgħid** li dawn huma *wieħed u l-istess*, waqt li l-Premillennjalisti (u xi oħrajn) għandhom dittatur maħsub fid-dinja fil-futur li jqum wara li l-Kristjani kollha jkunu, kif jaħsbu huma, imneħħija mid-dinja. Imma nnota fejn l-appostlu Pawlu jpoġġi lil dan il-bniedem tad-dnub. Il-bniedem tad-dnub huwa parti minn apostasija li tolqot lill-knisja, apostasija li tiġri ***waqt li l-Kristjani huma ħajjin fuq l-art***! Fl-ewwel ittra Pawlu jagħmilha ċara li l-Kristjani jkunu fuq wiċċ l-art meta "jum il-Mulej" jiġri (1 Tessalonikin 4:16—5:2), madankollu, l-bniedem tad-dnub jidher **qabel** ma jiġri dan il-jum.

Dan il-bniedem tad-dnub ***ma jistax ikun*** individwu wieħed, għaliex hu jidher f'xi żmien wara ż-żmien ta' l-appostli (l-apostasija li kellha tipproduċih diġa' kienet attiva meta Pawlu kiteb din l-ittra, 2:7), u jkompli jeżisti sat-tieni miġja ta' Kristu (2 Tessalonikin 2:8). Għalhekk, il-bniedem tad-dnub għandu jirreferi għal suċċessjoni ta' individwi li jokkupaw l-istess pożizzjoni jew uffiċċju.

L-espressjoni "bniedem tad-dnub" mhux neċessar-jament tirreferi għal xi ħadd li hu atew. "Tad-dnub," jew aħjar, "bla ma jħares il-liġi," sempliċiment tirreferi għal xi ħadd li jirrifjuta li joqgħod għal-liġi ta' Alla. 1 Ġwanni 3:4 jgħid,

> "K*ull min jagħmel id-dnub jikser ukoll il-liġi, għax id-dnub hu l-ksur tal-liġi.*"

Fil-fatt, Ġesù jimmarka nies reliġjużi ħafna, emmiena li jipprofessaw li huma reliġjużi u li ma obdewħx bħala li jiksru l-liġi, li jagħmlu l-ħażen fejn jgħid,

> "*Mhux kull min jgħidli: Mulej, Mulej, jidħol fis-saltna tas-smewwiet: imma dak li jagħmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet.* ***Ħafna*** *jgħiduli f'dak il-jum: Mulej, Mulej, ma ħabbarniex f'ismek? U f'ismek keċċejna d-demonji? U f'ismek għamilna ħafna egħġubijiet? U mbagħad nistqarril-hom:* ***Jiena qatt ma kont nafkom; tbiegħdu minni, intom li tagħmlu l-ħażen****.*" (Mattew 7:21-23).

It-terminu "bin it-telfien" ma jfissirx li dan huwa personifikazzjoni tal-ħażen jew ix-xitan inkarnat. Imma l-frażi hija wżata wkoll fil-Bibbja f'riferenza għall-bnedmin ordinarji (ara Ġwanni 17:12; Efesin 2:1-3).

L-individwu hu marbut b'mod inerenti mal-miġja tal-apostasija. F'siltiet oħra ta' l-Iskrittura l-appostlu Pawlu jitkellem dwar din l-istess apostasija u jagħtina xi dettalji speċifiċi. Anzjani (isqfijiet, presbiteri) jabbu-żaw is-setgħa tagħhom u jippruvaw li jiġbdu dixxipli warajhom:

> "*Ħarsu lilkom infuskom, mela, u l-merħla kollha, li fuqha l-Ispirtu s-Santu għamilkom għassiesa, biex tirgħaw il-knisja ta' Alla, li xtara b'demmu stess. Għax jiena naf dan, li wara t-tluq tiegħi lpup ħorox jidħlu fostkom u*

*ma jaħfruhiex lill-merħla. Ukoll minn fostkom stess iqumu xi rġiel, **jitkellmu ħwejjeġ imgħawġa, biex jiġbdu dixxipli warajhom***" (Atti 20:28-30).

Nies jibdew jgħallmu diversi liġijiet tal-ikel u jord-naw ċelibat mandatarju (1 Timotju 4:1-3). Membri ma jibqgħux jisimgħu aktar għad-dottrina tajba imma pjut-tost jippreferu li jagħtu widen għal dottrini li huma faċli fil-widnejn (2 Timotju 4:2-4). Nies oħra jibdew jagħtu l-approvazzjoni tagħhom għal dati ffisati minn profeti u għalliema foloz dwar it-tieni miġja ta' Kristu (Mattew 24:22-28; 36-44; 1 Tessalonikin 5:1-3). Nies li jiddefendu d-dehra ta' Antikrist definit sewwasew qabel it-tmiem jonqsu milli jirrealizzaw li l-apostasija li l-appostlu Pawlu tkellem dwarha laqtet lill-knisja sekli ilu u rriżultat fil-Kattoliċiżmu Ruman, fit-Torri ta' l-Għassa tax-Xhieda ta' Ġeħova, (li biddlu kull vers fl-Iskrittura Mqaddsa li jitkellem dwar id-Divinità ta' Kristu u li jitkellem fuq xi tagħlim li huma biddlu u ppubblikaw traduzzjoni oħra li ġġib l-isem ta' New World Translation of the Holy Scriptures li mhix ħlief "evanġelju ieħor" li dwaru jitkellem Pawlu f'Galatin 1:6-9), u f'organizzazzjonjiet oħra, bħal ma rajna dwar il-bijoċippa aktar qabel, li l-mexxejja tagħhom ħadu l-awtorità f'idejhom li tappartjeni biss lil Kristu (Mattew 28:18).

Pawlu speċifikament qal li l-bniedem tad-dnub (li jikser il-liġi) ikun ipproduċut b'din l-apostasija.

"*Li jmur kontra Alla, u jirtafa' fuq kulma għandu l-isem ta' Alla, jew li hu miqjum; biex bħal Alla joqgħod fit-tempju t'Alla, billi juri lilu nnifsu li hu Alla*" (2 Tessalo-nikin 2:4).

Xi wħud jgħidu lit-tempju ta' Alla inkonsiderazzjoni huwa t-tempju li eżista f'Ġerusalemm. Imma dak it-tempju kien meqrud fis-sena 70 W.K. Xi wħud jar-gumentaw għal tempju mibni mill-ġdid qrib iż-żmien meta Ġesù jerġa' jiġi lura, imma dak it-tempju kien parti ta' sistema inferjuri, patt li qatt ma jista' jaħfer id-dnubiet (ara Lhud 8:6-9:4). It-tempju ta' Alla fit-Testment il-Ġdid huwa l-knisja (1 Korintin 3:16; Efesin 2:21). Għalhekk, din kienet apostasija li ġrat fil-Kristjaneżmu nnifsu u dan il-bniedem tad-dnub huwa wieħed li jipprofessa li hu Kristjani. Billi t-tbegħid diġa' sar sekli ilu, allura aħna għandna nikkonkludu li l-bniedem tad-dnub **mhuwiex** persuna waħda (billi hu xorta jkun jeżisti meta jiġi Kristu), imma suċċessjoni ta' individwi li lkoll jokkuppaw l-istess pożizzjoni. B'żieda, kif naraw li l-Kattoliċiżmu Ruman kien għallem u għadu jgħallem id-dottrini msemmija fl-1 Timotju 4:1-3, ikun jidher ċar li l-bniedem tad-dnub jirreferi għall-Papiet tal-Knisja Kattolika. Il-papiet sejħu lilhom infushom b'titli kbar jew akbar minn dawk ta' Alla. Titli li wżati mill-papiet huma: "Il-Mulej tagħna Alla l-Papa, Alla ieħor fuq l-art—jagħmel dak kollu li hu jniżżel, ukoll ħwejjeġ mhux skond il-liġi, u hu aktar minn Alla." "Il-Papa jista' jagħmel il-ħwejjeġ kollha." Il-Papa Ljun XIII qal dwaru nnifsu ftit aktar minn seklu ilu (1890), "L-għal-liem suprem fil-Knisja huwa l-Papa (Pontiff) Ruman. Għaqda ta' l-imħuħ għalhekk teħtieġ, flimkien bi qbil perfett fil-fidi l-waħda, sottomissjoni kompluta tar-rieda lejn il-knisja u lejn il-Papa Ruman, bħal lil Alla Nnifsu." U fl-1894 huwa ddikjara: "Aħna nżommu l-post ta' Alla li Jista' Kollox fuq l-art." Fit-tletin ta' April, 1922, il-Papa Piju XI, iddikjara , "Intom tafu li jiena hu l-Missier Qaddis (Holy Father), ir-rappreżentattiv ta' Alla fuq l-art, il-Vigarju ta' Kristu, li jfisser, Jiena Alla fuq l-art." Ir-riformaturi tal-bidu, bħal Luteru, Galvinu, Zwingli u Knox kollha emmnu li din is-sezzjoni ta' l-Iskrittura Mqaddsa rriferiet għall-Papa.

Kristu ndirizza lil Alla l-Missier, fi Ġwanni 17:11 bħala "Missier Qaddis" (Holy Father), titlu li hu ta' Alla waħdu. Kristu ordnalna biex ma nsejħu lil ħadd missierna (f'sens spiritwali) fuq din l-art, meta qal,

"*U ssejjħu lil ħadd missierkom fuq din l-art, għax il-Missier tagħkom* ***wieħed*** *hu, dak li hu fis-smewwiet*" (Mattew 23:9).

L-Iskrittura tgħidilna b'mod l-aktar ċar li l-unika Ras tal-Knisja Hu Kristu (Efesin 1:21-23; Kolossin 1:18), imma nsibu llum f'organizzazzjonijiet reliġjużi li dawn għandhom bħala r-ras tal-knisja tagħhom President fil-każ tal-Mormoni u tax-Xhieda ta' Ġeħova u oħrajn, għandhom ukoll profeti u appostli bħala suċ-ċessuri tal-profeti u l-appostli oriġinali. Dawn huma kollha kkundannati fil-Kelma ta' Alla. Illum hemm Ras waħda biss fil-Knisja ta' Kristu (Efesin 1:21-23; Kolossin 1:18). Illum Alla jkellimna permezz ta' Kristu biss u mhux permezz tal-profeti (Lhud 1:1). Illum ħadd ma jista' jassumi l-pożizzjoni ta' appostlu billi jgħid li hu suċċessur ta' l-appostli jew ta' xi appostlu għaliex ħadd illum ma jikkwalifika biex ikun appostlu (Atti 1:21-26), u jekk xi ħadd jassumi dik il-pożizzjoni llum dan jaqa' fil-kategorija li naqraw dwarha fit-Tieni Korintin 11:12-15.

Imma l-Kattoliċi Rumani, il-Mormoni, ix-Xhieda ta' Ġeħova, il-Protestanti, u oħrajn dawn it-twissijiet ma jagħtux widen għalihom. Huma kollha jafu li titli reliġjużi huma kkundannati minn Alla. Xi wħud illum ukoll qegħdin isejħu lilhom infushom bħala "jiena **Pastor** X" imma dan hu l-istess bħal meta ssejjaħ lilek innifsek bit-titlu 'Father.' Jiena ċert li dawk li jużaw dak it-titlu ta' 'Pastor' mill-ewwel jippruvaw jikk-wotaw mill-Bibbja biex jiddefendu lilhom ifushom, l-istess kif jagħmlu dawk li jaċċettaw it-titlu ta' 'Father'. Imma ma rridux ninsew xi jgħid il-Mulej dwar min se jiġġudikana:

"[48]*Min iwarrabni, u ma jilqax kliemi, għandu wieħed li jagħmel ġudizzju minnu:* ***il-kliem li jiena għidt, dan jagħmel ġudi-zzju minnu fl-aħħar jum***" (Ġwanni 12:48).

Għalhekk, minn dan naraw kemm huwa tagħlim falz dak li xi wħud igħallmu dwar l-Antikrist li se jiġi meta Kristu jerġa' jiġi! Kull min igħallem xi tagħlim li mhuwiex skond l-Iskrittura Mqaddsa u kull min jieħu xi pożizzjoni li tmur kontra t-tagħlim tal-Iskrittura Mqaddsa **hu antikrist**.

Xi wħud jargumentaw li l-influwenza li qiegħda żżomm f'vers 6 tat-Tieni Tessalonikin hija l-Ispirtu s-Santu. L-idea hija li meta l-Kristjani kollha jkunu meħuda mill-art (id-dottrina falza tar-rapiment), li l-Ispirtu s-Santu jkun imneħħi fl-istess ħin, u mbagħad jidher l-Antikrist. Imma nnota l-kuntest tat-Tieni Tessalonikin kapitlu tnejn. Il-bniedem tad-dnub hu rrivelat *waqt li l-Kristjani għadhom fuq wiċċ l-art*, għaliex dan jiġri qabel il-jum tal-Mulej. Il-qawwa li żżomm li ma ħal-lietx isqof milli jassumi talba universali fuq il-knisja kienet l-Imperu Ruman. Il-papat ma kienx jista' jilħaq il-quċċatta tas-setgħa tiegħu waqt li Ruma kellha s-setgħa kollha. Matul l-ewwel tliet mitt sena tal-istorja tal-Kristjaneżmu din kienet reliġjon illegali u pperse-gwitata. Dan il-fatt fixkel kull isqof bil-ġuħ għas-setgħa milli jassumi awtorità. Meta l-Imperu Ruman waqa', il-knisja Rumana saret setgħana għal kollox.

Il-papat huwa msejjaħ "il-bniedem tad-dnub," dak bla ħarsien tal-liġi, għaliex huwa jirrifjuta li jkun f'sottomissjoni għal-liġi ta' Alla. Fil-fatt, huma jistqarru li l-komunikat tagħhom huwa egwali mal-Iskrittura Mqaddsa u spiss huma jwarrbu u jinjoraw kmandi ċari Bibliċi (1 Timotju 3:2).

Il-frażi "*għeġubijiet foloz*" (2 Tessalonikin 2:9) tir-referi għal sinjali u għeġubijiet li mhumiex ġenwini, ta' ingann. Il-Knisja Kattolika toqgħod fuq stqarrijiet ta' l-hekk maħsuba mirakli. Kull ħin li persuna mejta li hija pproklamata "qaddis" jew "qaddisa," għandha tinġieb 'il quddiem xhieda li hu jew hi għamlu talinqas żewġ mirakli. In-niċeċ u relikwi assoċjati mal-Kattoliċiżmu jiġbu l-attenzjoni ta' eluf ta' pellegrini, li ħafna minnhom, imorru u jistqarru li kienu ġew imfejqa. Id-diversi dehriet li huma jistqarru li kienu mirakolużi tal-verġni Marija. Aħna naqraw dwar Kattoliċi li spontanjament kellhom feriti bid-demm ħiereġ minnhom fil-postijiet fejn Kristu kien ferut fuq is-salib. Jintqal lilna li l-ħobż u l-frott tad-dielja mirakolożament jinbidlu fil-ġisem u d-demm letterali ta' Kristu fil-quddiesa.

Mela, aħna bħala Kristjani, għandna dejjem inkunu attenti ħalli ma nħallux it-tagħlim falz tal-Premillennjalisti u xi oħrajn jaqbadna fin-nassa tiegħu. Min huwa l-antikrist għalik? Dak maħluq mill-bnedmin, jiġifieri, li jiġi fiż-żmien tat-tieni miġja ta' Kristu, jew ***kull*** persuna (jew grupp reliġjuż) li jgħallmu tagħlim falz? Għalhekk, wieħed għandu jkun dejjem attent li ma jaqax fil-kategorija ta' "antikrist" billi jaċċetta t-tagħlim falz li dwaru tkellimna f'dan l-istudju!

## L-ANTIKRIST U RIVELAZZJONI
## (Rivelazzjoni 11:7-14)

Il-laqam "antikrist" (kemm jekk bl-ittra "A" kapitali jew le) ma jidher **imkien** fil-Ktieb ta' Rivelazzjoni. Madankollu, dan jinsab bil-bosta f'kummentarji fuq il-Ktieb ta' Rivelazzjoni. Speċjalment dan hu minnu hekk kif il-bhima nfami hija introdotta f'kapitlu 11. James Efrid kiteb, "Dan it-terminu ['antikrist'] kien użat tant spiss...dwar il-bhima... f'Rivelazzjoni..., li kważi kulħadd jirreferi għal din il-figura b'dak it-terminu." (1989, 92.) Billi int ċertament li se tiltaqa' mal-kelma "antikrist" f'xi ħin jew ieħor fl-istudju tiegħek fuq Rivelazzjoni, studju qasir tat-terminu jidher li jkun fl-ordni.

## SPEKULAZZJONI TAL-BNEDMIN

L-uniċi postijiet li l-kelma "antikrist" tinsab fil-Bibbja huma, kif diġa' rajna aktar qabel, fl-ittri ta' Ġwanni: 1 Ġwanni 2:18, 22; 4:3; 2 Ġwanni 7. Ġwanni kien ċar li hu (b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu) ma fissirx individwu wieħed speċifiku, imma pjuttost *kull min* jiċħad id-Divinità ta' Ġesù. Imma sfortunatament, dan il-fatt ma żammx nies milli **jivvintaw** teoriji ela-borati dwar il-miġja ta' kważi bniedem soprauman—l-Antikrist (b'"A" kapitali)—ftit taż-żmien qabel it-Tieni Miġja. (Ħafna kittieba evanġeliċi għandhom l-Antikrist jidher ftit qabel it-tieni miġja ta' Ġesù. Il-premillennjalisti u oħrajn li jaqblu magħhom f'dan it-tagħlim falz, għandhom l-Antikrist iqum nofs triq fis-seba' snin *immaġinattivi* tagħhom ta' Tribulazzjoni, tagħlim falz ieħor.) Huwa emmnut minn ħafna li hu jkun individwu b'ħila kbira mentali u personalità manjetika, mimli b'ħażen liema bħalu. Kittieb wieħed pre-millenjali kien konvint li l-Antikrist qiegħed f'dak iż-żmien (1999) jgħix xi mkien fl-Ewropa jsostni ħolm imxajtan. L-idea ta' din il-persuna straordinarja —il-ġisem tal-ħażen—tant nisġet lilha nifsha fi ħsieb reliġjuż li, fl-imħuħ ta' ħafna, l-Antikrist tilef l-istatus ta' teorija u ***sar fatt*** li ma jistax ikun miċħud.

L-opinjonijiet dwar dan l-individwu li issa sar magħruf ħafna minħabba l-ħrejjef li jintqalu dwaru, għandhom l-għeruq tagħhom fi ħrejjef pagani, tradizzjonijiet Lhud, u

fi ftit passaġġi oskuri fil-Bibbja, u fl-immaġinazzjonijiet fertili tal-bnedmin. (Ħafna artikli fuq "l-antikrist" jew "l-Antikrist" jibdew bi ħrejjef pagani u tradizzjonijiet Lhud, minkejja l-fatt li l-ewwel użu rreġistrat tat-terminu "antikrist" qiegħed fl-ittri ta' l-appostlu Ġwanni. Dak li Ġwanni għandu xi jgħid dwar l-"antikrist" ftit li xejn għandu xebħ għall-ħrejjef u t-tradizzjonijiet.) Rigward il-passaġġi oskuri Bibliċi, l-aktar popolari huwa l-passaġġ l-aktar oskur ta' Pawlu fuq "il-bniedem tad-dnub" fit-2 Tessalonikin 2. Diġa' tkellimt fuq dan il-passaġġ, imma tajjeb li ngħidu xi ħaġa' oħra dwaru.

## "IL-BNIEDEM TAD-DNUB" TA' PAWLU (2 Tessalonikin 2:3-10)

Pawlu kiteb,

> "*Tħallu 'l ħadd min iqarraq bikom bl-ebda mod: għax dak il-jum ma jiġix, jekk l-ewwel ma tiġix l-apostasija, u jinkixef il-bniedem tad-dnub, bin il-qirda, li jopponi u jeżalta lilu nnifsu fuq dak kollu hekk imsej-jaħ alla jew oġġett ta' qima, biex hekk hu jieħu postu fit-tempju ta' Alla, juri lilu nnifsu bħala li hu Alla....*" (2 Tessalonikin 2:3-10).

La l-ħin u lanqas l-ispazju ma jippermettu eżami ddet-taljat ta' dan il-passaġġ "oskur ħafna" li huwa ikkunsidrat bħala "wieħed mill-aktar diffikultużi fit-Testment il-Ġdid." [R. C. Kelcy, 1968, 160.] Pawlu indika li hu kien qiegħed jirrevedi dak li għallem qabel lill-qarrejja tiegħu [2 Tessalonikin 2:5]. Is-suġġett probabbilment ma kienx daqshekk ta' kon-fużjoni għat-Tessalonikin daqs kemm hu għalina.) Matul is-snin, sforzi bla għadd saru biex jidentifikaw xi individwu speċifku bħala "bin il-qirda"—normal-ment l-aktar wieħed magħruf li jopponi l-Kristjaneżmu. (Jekk Pawlu kellu f'moħħu individwu speċifiku, huwa possibbli li "l-bniedem tad-dnub" kien wieħed mill-imperaturi Rumani. Matul is-snin, waħda mill-aktar interpretazzjonijiet popolari fost interpreti Protestanti kienet li l-individwu jirrappreżenta lill-Papa. Din taqbel tajjeb mal-kelma "apostasija" fit-2 Tessalonikin 2:3. Ifhem li ebda interpretazzjoni tat-2 Tessa-lonikin 2 ma hija mingħajr problemi.) Ħafna kittieb huma konvinti, iżda, li Pawlu kien qiegħed juża lingwa apokalittika fil-passaġġ. (Jekk "il-bniedem tad-dnub" ta' Pawlu kien ippersonifikat f'wieħed mill-imperaturi [jew il-gvern Ruman inġenerali], dan jista' jispjega għaliex huwa uża lingwa apokalittika—biex jevita konflitt ma' l-awtoritajiet Rumani. Fil-fatt, din kienet waħda mir-raġunijiet li Rivelazzjoni juża lingwa apokalittika.) Jekk dak huwa l-każ, l-appostlu seta' ma kienx qiegħed jaħseb xejn dwar individwu speċifiku. Raymond Kelcy qal, "...jista' jkun li [Pawlu] uża l-"bniedem tad-dnub" biex juri, f'mod apokalittiku, il-konflitt kbir bejn it-tajjeb u l-ħażin u r-riżultat finali ta' kull wieħed minnhom." (164.) Jekk Pawlu tassew uża lingwa apokalittika, hu seta' kien qiegħed jaħseb dwar personifikazzjoni tal-ħażen *flimkien ma'* personifikazzjonijiet simili matul l-Epoka Kristjana.

Kien minn kien jew kien x'kien il-"bniedem tad-dnub" ta' Pawlu, ftit huwa jkollu komuni ma' dawk li Ġwanni sejħilhom "antikristi": L-"antikristi" ta' Ġwanni kienu fil-plural fin-numru u kienu bażikament ħatja ta' tagħlim falz (1 Ġwanni 2:18, 22), waqt li l-"wieħed tad-dnub" ta' Pawlu kien raġel wieħed (jekk il-kliem ta' l-appostlu hu meħud letterali) li stqarr li hu Alla (2 Tessalonikin 2:3, 4)! L-"antikrist" ta' Ġwanni ma jaqbel xejn ma' "l-bniedem tad-dnub" ta' Pawlu.

Ukoll, "il-bniedem tad-dnub" ta' Pawlu ftit għandu komuni mal-konċett popolari tal-lum tal-Antikrist: Meta Pawlu kiteb it-2 Tessalonikin, "il-bniedem tad-dnub" tiegħu kien familjari għall-qarrejja tiegħu (2:5) u kien irrelatat għall-moviment fiż-żmien tagħhom (2:7). F'kuntrast—skond l-ispekulazzjoni kurrenti tal-Antikrist tal-lum—fiż-żmien li l-appostlu kien qiegħed jikteb, kien ikun aktar minn elfejn sena qabel ma jidher l-Antikrist. Fid-dawl tal-lingwa fit-temp preżent ta' Pawlu fit-2 Tessalonikin 2, wieħed għandu jinsisti li aħna għandna nagħtu l-profezija riferenza ta' l-ewwel seklu.

## "L-ANTIKRISTI" TA' ĠWANNI
## (1 Ġwanni 2:18, 22; 4:3; 2 Ġwanni 7)

Inwarrbu fil-ġenb l-ispekulazzjonijiet tal-bnedmin, dak kollu li aħna nafu *tassew* dwar "antikrist" (jew ukoll "*l*-antikrist") jinsab fl-ewwel Ġwanni u fit-tieni Ġwanni. Prinċipju bażiku ta' interpetazzjoni Biblika huwa li "l-ispjega tal-kittieba [ispirati] hija l-aħjar definizzjoni li wieħed jista' jsib." (D.R. Dungan, *Hermeneutics*, 188.) Ħalli fl-ispazju li għandna nħarsu fil-qosor lejn it-tagħlim ta' Ġwanni fuq "antikrist":

Ġwanni introduċa s-suġġett b'dan il-kliem:

> "*Uliedi ż-żgħar, din hi l-aħħar siegħa: imma smajtu li għandu jiġi* ***l-antikrist****, u issa qamu* ***ħafna antikristi****; minn dan nagħrfu li waslet l-aħħar siegħa*"

("L-aħħar siegħa" ma tfissirx li Ġwanni ħaseb lit-Tieni Miġja kienet imminenti. Il-kittieba ispirati ma kinux jemmnu li Kristu definittivament ġej fil-ħajja tagħhom, imma huma emmnu li Hu *kien jista'* jiġi f'ħajjithom—l-istess kif int u jien għandna nemmnu li Hu *jista'* jiġi f'ħajjitna.) Il-kelma "antikrist" hija kelma Griega komposta li tgħaqqad il-prepożizzjoni Griega *anti* ("kontra") mal-familjari *Christos* (il-wieħed midluk"). Il-kelma "tista' tfisser jew 'kontra Kristu' jew 'minflok Kristu,' jew jista' jkun li tgħaq-qad it-tnejn, 'wieħed li, jassumi l-figura ta' Kristu, jopponi lil Kristu.'" W.E. Vine, 1984, 54-55.) L-idea predominanti fl-ittri ta' Ġwanni hija li "antikrist" hu *opponent* ta' Kristu.

L-idea kienet iċċirkulata li "ġej antikrist." Kien x'kien l-għajdut, Ġwanni malajr ikkorrieġa l-ideat foloz. Hu qal,

> "*U issa, qamu* ***ħafna antikristi***" (1 Ġwanni 2:18b).

Ġwanni ma qalx li "Antikrist wieħed" se jqum elfejn sena (jew aktar) fil-futur," imma li "***ħafna*** antikristi *qamu*" (Enfasi tiegħi). Imma x'jiswa dak li qal l-appostlu ispirat? Għal xi wħud huwa aktar importanti dak li jgħidu l-profeti u l-għalliema foloz moderni! Huma lesti li jaċċettaw it-tagħlim falz tagħhom mingħajr ebda mistoqsija waqt li dak li naqraw fil-Kelma ispi-rata ta' Alla huma jiddubitawh! Qiegħed tara kif dak li għedna fil-bidu fil-fatt qiegħed jiġri, jiġifieri, li l-idea ta' din il-persuna straordinarja—il-personifikazz-joni tal-ħażen—tant nisġet lilha nifsha fi ħsieb reliġjuż li, fl-imħuħ ta' ħafna, l-Antikrist tilef l-istatus ta' teorija u sar fatt li ma jistax ikun miċħud. Staqsi lilek innifsek jekk dan hux minnu għalik jew le! X'temmen int, dak li jgħid l-appostlu ispirat, dwar l-antikrist/i jew dak li jgħidulek il-mexxejja reliġjużi moderni? Imma qabel twieġeb lilek innifsek, aqra Atti 5:19.

Vers 22 ta' l-istess kapitlu, Ġwanni spjega min kienu dawn l-antikristi:

> "*Min hu giddieb, ħlief* ***dak li jiċħad li Ġesù hu l-Kristu? Dan hu l-antikrist****, li jiċħad il-Missier u l-Iben*" (Enfasi tiegħi).

Qiegħed tara kif l-Ispirtu s-Santu jgħidilna bl-aktar mod ċar ***min huwa*** **l-antikrist**. Lil min int se temmen, lil l-Ispirtu s-Santu jew lill-profeti u l-għalliema foloz moderni? L-għażla hija waħda sempliċi ħafna! (Ara Mattew 15:4, 5, "***Alla qal****, u* ***intom tgħidu***"!). "Alla" jgħid li l-antikrist/i kienu jinsabu wkoll *fi żmien meta Ġwanni kiteb* u l-"intom" (l-għalliema moderni) igħidu li "Antikrist" għandu jiġi fil-futur! Lil min int temmen? Lest/a int li tabbanduna l-għal-liema foloz moderni?

Fil-lezzjonijiet dwar l-ittri lis-seba' knejjes, wieħed jista' jara dwar il-fazzjoni msejħa "Njostiċiżmu." Fost dottrini foloz oħra, in-Njostiku għallem "li Ġesù kien imwieled l-istess bħala kull bniedem ieħor u miet bħala bniedem ordinarju. Huma emmnu li fil-magħmudija ta' Ġesù l-Ispirtu Divin, 'Kristu,' niżel fuqu imma ħallieh qabel is-salib. Għalhekk waqt li 'Kristu' kien Divin, Ġesù ma kienx." (J. W. Roberts, 1968, 68.) Dawn l-għalliema foloz għalhekk ċaħdu (biex nuża l-kliem ta' Ġwanni) "li Ġesù hu l-Kristu." Innota l-użu ta' Ġwanni tas-singulari ipproċedut bl-artiklu definit ("l-"): kull min jiċħad li "Ġesù hu ***l***-Kristu" hu "***l***-antikrist" (v. 22). Temmnu dan int?

F'kapitlu 4 ta' l-ewwel ittra tiegħu, Ġwanni reġa' enfasizza l-identità ta' "l-antikrist":

> "*U kull spirtu li ma jistqarrx li Ġesù Kristu ġie bil-ġisem mhux minn Alla:* ***dan hu l-ispirtu ta' l-antikrist****, li fuqu smajtu li għandu jiġi;* ***u li diġa' qiegħed fid-dinja***" (v. 3).

L-appostlu ispirat (mhux bħall-profeti u l-għalliema foloz moderni) reġa' indika li l-qarrejja tiegħu kienu semgħu dwar il-miġja ta' l-"antikrist," u hu reġa' enfasizza li dan l-ispirtu mxajtan kien ***diġa*** **preżenti**. Ebda stennija ta' aktar minn elfejn sena ma kienet meħtieġa! Għalhekk,

> "*Aħna għandna nisimgħu* ***minn Alla aktar milli mill-bnedmin***" (Atti 5:29).

Imma kemm huma dawk li lesti li jabbandunaw dak it-tagħlim falz u lill-mexxejja moderni reliġjużi tagħhom u jimxu biss fuq il-Kelma ta' Alla?

Fit-tieni ittra tiegħu, Ġwanni reġa' enfasizza li ħafna għalliema foloz ikkwalifikaw għal idea falza ta' "antikrist":

> "*Għax dehru fid-dinja ħafna nies qarrieqa, li ma jistqarrux li Ġesù Kristu ġie fil-ġisem:* ***Dan hu*** *l-qarrieq u* ***l-antikrist***" (v. 7; enfasi tiegħi).

U tassew li llum ukoll "*dehru fid-dinja ħafna nies qarrieqa.*" Il-konklużjoni li wieħed għandu jasal għali-ha mill-ittri ta' Ġwanni, ispirati mill-Ispirtu s-Santu, hija li "l-antikrist" huwa kull wieħed u dawk kollha li jiċħdu li Ġesù Hu Alla. (Rispons komuni għat-tagħlim ċar ta' Ġwanni fuq "antikrist" huwa li tgħid, "Veru, Ġwanni tkellem dwar "antikristi" (b''a' żgħira), imma dan ma jinnegax il-possibbiltà li 'l-<u>A</u>ntikrist' (b''A' kapitali) se jqum aktar tard." Il-problema ma' dan ir-raġunar hija li l-uniċi riferenzi Bibliċi għal "antikrist" jinsabu fl-ittri ta' Ġwanni, u Ġwanni [b'ispirazzjoni] ***ma qal xejn*** dwar individwu speċifiku magħruf bħala "l-<u>A</u>ntikrist" li se jqum ftit qabel it-Tieni Miġja.) Nies bħal dawn eżistew fiż-żmien ta' Ġwanni, u huma jeżistu llum u jinsabu fostna wkoll. Il-problema l-kbira llum hija kemm xi wħud huma lesti li jaċċettaw dak li jintqal fil-Kelma ta' Alla u mhux dak li jintqal mill-mexxejja reliġjui moderni!

## IL-"BHIMA" TA' RIVELAZZJONI
## (Rivelazzjoni 11:7).

Issa li rajna l-ispjega tal-Ispirtu s-Santu permezz ta' Ġwanni ta' "antikrist," hemm xi raġuni biex niden-tifikaw "il-bhima" ta' Rivelazzjoni 11 bħala "l-Antikrist"? **LE, ma hemmx**. (Bosta kittieba mhux ispirati tat-tieni u t-tielet seklu wżaw it-terminu "antikrist" biex jirreferi għall-bhima f'Rivelazzjoni 13—jibdew b'Irenaeus [ċ. 185]. George Milligan qal li l-kum-menti tagħhom jistgħu jkunu "spjegati bħala r-riżultat ta' l-immaġinazzjonijiet ta' dawn il-kummentaturi nfushom, jaħdmu fuq it-tagħrif mogħti lilhom mill-Iskrittura" [Macmillan and Co., 1908, 159]. Immarka l-kelma "***immaġinazzjonijiet***." Biex wieħed ikun ġust, għandu jkun innutat li dawn il-kittieba evitaw l-estremi ta' ħafna kittieba taż-żmien modern fuq "l-Antikrist.") Mela, kif sejrin naraw, l-iskop primarju tal-bhima ma kienx biex jiddiskredita lil Kristu, imma biex joqtol lis-segwaċi Tiegħu. Il-bhima ma kinetx xi setta eretika li qamet fil-kuntest tal-Kristjaneżmu. Pjuttost, kif sejrin naraw, il-bhima kienet il-gvern Ruman—u hija tipika ta' xi u kull aġenzija li Satana jkompli biex jużaha ħalli jipprova jwaqqaf it-tixrid ta' l-Evanġelju u jikseb fedeltà lejh.

Il-bnedmin fasslu t-teoriji fantastiċi tagħhom fuq il-bażi tal-kliem diffiċli ta' Pawlu fit-2 Tessalonikin 2. Imbagħad huma adattaw it-terminoloġija fl-ewwel u fit-tieni Ġwanni. Fl-aħħar, huma imponew dan kollu fuq l-interpretazzjoni tagħhom tal-"bhima" fil-Ktieb ta' Rivelazzjoni. Dak huwa "eisoġesi" u mhux "eseġesi (it-tiftix u t-tifsir tas-sens li għandu jkollha l-kitba): Dak huwa li taqra *fit*-test dak li wieħed irid li jgħallem, mhux tieħu *mit*-test dak li huwa jgħallem. Dan mhuwiex il-mod li tistudja l-Ktieb ta' Rivelazzjoni—jew kull ktieb ieħor fil-Bibbja.

## KONKLUŻJONI

Fil-bidu ta' din il-lezzjoni, jiena rreferejt għall-kumment minn James Efird fuq xi jgħid Rivelazzjoni dwar "il-bhima." F'li nagħlaq, ħalli nagħti l-kumment tiegħu sħiħ:

> Wieħed jinnota wkoll xi ħaġa kurjuża dwar dan it-test. Ma hemm imsemmi xejn dwar "antikrist." Dan it-terminu kien ġie wżat tant spiss dwar figuri fit-Testment il-Ġdid, u speċjalment dwar il-bhima...f'Rivelazzjoni ...li kważi kulħadd jirreferi għal din il-figura b'dak it-terminu. L-awtur ta' Rivelazzjoni, iżda, dan ma jagħmlux. Fil-fatt, Ġwanni lan-qas qatt ma juża t-terminu darba fil-ktieb kollu! L-uniċi postijiet fejn it-terminu jidher fit-Testment il-Ġdid huma fl-ittri ta' Ġwan-ni fejn l-antikrist hu mfisser bħala wieħed li jiċħad li Ġesù kien ġie fil-ġisem (1 Ġwanni 2:22-24). Billi Ġwanni ma jużax it-terminu f'Rivelazzjoni u billi tant nies illum diġà għandhom xi definizzjonijiet fil-ħsibijiet tagħhom dwar "l-antikrist," jidher li aħjar ma tużax dak l-isem għal dan jew għall-figura oħra f'Rivelazzjoni. L-aħjar resqan huwa li tħalli lil Ġwanni biex jiddefinixxi u jfisser dawn il-figuri kif jixtieq hu." (Efird, 92.)

Jiena nista' nżid biss, "**Amen**!"

Għalhekk it-twissijiet tal-Kelma ta' Alla huma:

"*Ħallu 'l ħadd min iqarraq boikombi kliem rieragħ: għax minħabba dawn il-ħwejjeġ jiġi l-għadab ta' Alla fuq ulied id-diżubbidjenza*" (Efesin 5:6).

"*Araw li ħadd ma jħassarkom b'filosofija u qerq fieragħ, skond it-tagħlim tal-bnedmin , u skond l-elementi tad-dinja, u mhux skond Kristu*" (Kolossin 2:8).

Dwar it-Tieni Miġja ta' Kristu l-appostlu Pawlu jgħidilna bi'ispirazzjoni fit- 2 Tessalonikin 2:1-3,

"*Ħuti, għal dak li għandu x'jaqsam dwar it-tieni miġja ta' Sidna Ġesù Kristu u l-ġem-għa tagħna biex ningħaqdu miegħu, nitolbukom biex ma toqogħodux tħawdu raskom malajr u tinħasdu bħallikieku l-miġja ta' Jum il-Mulej qorbot, u la jekk tkunu mnebbħin mill-Ispirtu u lanqas jekk tisimgħu xi kelma jew taqraw xi ittra taparsi minn għandna.* ***Tħallux 'il min iqarraq bikom, b'ebda mod****....*"

"*Tħallux 'il min iqarraq bikom* ***b'ebda mod****.*" Jekk wieħed iħares lejn il-modi kollha li llum nisimgħu dwar meta Sidna Ġesù Kristu se jerġa' jiġi, u d-dati ffissati minn dawk il-profeti u l-għalliema foloz moderni, dan mill-ewwel għandu jinduna għaliex l-Ispirtu s-Santu ta din it-twissija u qalilna biex ma nħallux 'il min iqarraq bina **B'EBDA MOD**! "B'ebda mod" ifisser li kull profezija li ssir illum hija profezija falza! Ifisser li kull persuna li tipprova tiffissa xi data dwar meta Kristu għandu jerġa' jiġi, hija profeta falz! Pietru jgħidilna:

"*Għalhekk, ħuti għeżież, waqt li nistennew dan kollu, qisu li jsibkom fis-sliem, bla tebgħa u bla dnub.*"


**IPPREŻENTAT**
**MILL-KNISJA TA' KRISTU**
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida. MSD 10

**e-mail:** info@churchofchristmalta.com

**website:** www.churchofchristmalta.com


Ħinijiet tal-laqgħat:
Il-Ħadd: Servizz ta' qima: 10.30 a.m.

**Kulħadd hu mistieden**